Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 370

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

30 ta' Diċembru 2014

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2014/953/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija** 1

Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-iter imwettqa mill-fużjoni għall-Enerġija 3

2014/954/Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2014 li tapprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija** 19

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1392/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi pjan ta' rimi għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fil-Baħar Mediterran** 21

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1393/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd għal ħut pelaġiku fl-ilmijiet tal-Majjistral** 25

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1394/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd għal ħut pelaġiku fl-ilmijiet tal-Lbiċ** 31

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1395/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar tal-ħut għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir u ċertu sajd għal skopijiet industrijali fil-Baħar tat-Tramuntana** 35

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1396/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jwaqqaf pjan ta' skartar fil-Baħar Baltiku** 40

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1397/2014 tat-22 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 318/2013 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin mill-2016 sal-2018, għall-istħarriġ permezz ta' kampjun dwar il-forza tax-xogħol previst mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98** ([1]) 42

DEĊIŻJONIJIET

2014/955/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE dwar il-lista ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) 44

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-4 ta' Diċembru 2014

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija

(2014/953/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Novembru 2013, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, mal-Konfederazzjoni Svizzera, bil-għan li jiġi konkluż ftehim komprensiv għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplimenta l-Orizzont 2020; u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-proġett tal-ITER fis-snin 2014-2020.

(2) Dawk in-negozjati tlestew b'suċċess, u l-Ftehim għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea,.il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija ("il-Ftehim") għandu jiġi ffirmat u applikat fuq bażi proviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

(3) Il-konklużjoni tal-Ftehim hija suġġetta għal proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(4) Sabiex l-entitajiet legali Svizzeri jkunu jistgħu jiġu ttrattati bħala entitajiet minn Pajjiż Assoċjat f'azzjonijiet taħt l-Orizzont 2020 li għandhom skadenza fl-aħħar trimestru tal-2014, b'mod partikolari sejħiet skont l-objettiv speċifiku "It-tixrid tal-eċċellenza u ż-żieda fil-parteċipazzjoni", il-Ftehim għandu jkun applikat fuq bażi proviżorja b'effett mill-15 ta' Settembru 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija b'dan qed jiġi awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-15 ta' Settembru 2014, skont l-Artikolu 15 tal-Ftehim, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kunsill
Il-President
S. GOZI

FTEHIM

dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-iter imwettqa mill-fużjoni għall-Enerġija

L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA,

(minn hawn 'il quddiem "l-Unjoni" u "Euratom" rispettivament),

minn naħa waħda,

u

IL-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA,

(minn hawn 'il quddiem"l-Isvizzera"),

min-naħa l-oħra,

(minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet"),

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li r-relazzjoni mill-qrib ta' bejn l-Isvizzera, minn naħa u l-Unjoni u l-Euratom, min-naħa l-oħra, hija ta' benefiċċju għall-Partijiet,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-importanza tar-riċerka xjentifika u teknoloġika għall-Unjoni u għall-Euratom u għall-Isvizzera u l-interess reċiproku tagħhom li jikkooperaw f'dan il-qasam sabiex ir-riżorsi jintużaw aħjar u sabiex ma jsirx xogħol doppju għal xejn,

BILLI l-Isvizzera u l-Unjoni u l-Euratom bħalissa qed jimplimentaw programmi tar-riċerka f'oqsma ta' interess komuni,

BILLI l-Unjoni u l-Euratom u l-Isvizzera għandhom interess li jikkooperaw f'dawk il-programmi għall-benefiċċju reċiproku tagħhom,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-interess tal-Partijiet biex iħeġġu l-aċċess reċiproku għall-entitajiet tar-riċerka tagħhom għall-attivitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku fl-Isvizzera, minn naħa waħda, u għall-Programm Qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni u għall-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, u għall-attivitajiet imwettqa mill-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni [1], min-naħa l-oħra,

BILLI l-Euratom u l-Isvizzera fl-14 ta' Settembru 1978 kkonkludew Ftehim ta' Kooperazzjoni fil-qasam tal-fużjoni termonukleari kkontrollata u l-fiżika tal-plażmi (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim dwar il-Fużjoni"),

BILLI ż-żewġ partijiet jixtiequ jenfasizzaw il-benefiċċji reċiproki tal-eżekuzzjoni tal-Ftehim dwar il-Fużjoni, fil-każ tal-Euratom, ir-rwol tal-Isvizzera fl-avvanz tal-elementi kollha tal-Programm Komunitarju dwar il-Fużjoni, b'mod partikolari tal-JET u l-ITER fil-progress lejn ir-Reattur ta' Dimostrazzjoni msejjaħ "DEMO" u, fil-każ tal-Isvizzera, l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-Programm Svizzeru u l-integrazzjoni tiegħu f'oqfsa Ewropej u internazzjonali,

BILLI ż-żewġ partijiet jaffermaw mill-ġdid ix-xewqa tagħhom li jkomplu jikkooperaw fit-tul fil-qasam tal-fużjoni termonukleari kkontrollata u tal-fiżika tal-plażmi abbażi ta' qafas ġdid u strumenti ġodda li jiżguraw l-appoġġ għall-attivitajiet tar-riċerka,

BILLI dan il-Ftehim itemm il-Ftehim dwar il-Fużjoni u jeħodlu postu,

BILLI l-Partijiet laħqu fit-8 ta' Jannar 1986 Ftehim Qafas għall-kooperazzjoni xjentifika u teknika, li daħal fis-seħħ fis-17 ta' Lulju 1987 (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Qafas"),

[1] Stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58).

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-Artikolu 6 tal-Ftehim Qafas igħid li l-kooperazzjoni maħsuba mill-Ftehim Qafas għandha titwettaq permezz ta' ftehimiet xierqa,

BILLI fil-25 ta' Ġunju 2007 il-Komunitajiet u l-Isvizzera ffirmaw Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra,

BILLI fis-7 ta' Diċembru 2012 l-Euratom u l-Isvizzera kkonkludew Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, li jassoċja lill-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għar-riċerka u l-attivitajiet tat-taħriġ fil-qasam nukleari (2012-2013),

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-Artikolu 9(2) tal-Ftehim tal-2007 u l-Artikolu 9(2) tal-Ftehim tal-2012 imsemmi hawn fuq jipprevedu t-tiġdid tal-Ftehim bil-ħsieb ta' parteċipazzjoni fi Programmi Qafas pluriennali ġodda għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku jew f'attivitajiet attwali u futuri, skont kundizzjonijiet miftiehma b'mod reċiproku,

BILLI l-Euratom ikkonkludiet fil-21 ta' Novembru 2006 il-Ftehim dwar l-Istabbiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett tal-ITER ([1]). Skont l-Artikolu 21 tagħha u l-Ftehimiet fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera (i) dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar l-Istabbiliment Organizzazzjoni Internazzjonali tal-ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-implimentazzjoni konġunta tal-Proġett tal-ITER, il-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għall-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett tal-ITER u l-Ftehim bejn il- Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Ġappun għall-implimentazzjoni konġunta tal-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-qasam tar-riċerka tal-enerġija mill-fużjoni għat-territorju tal-Isvizzera u (ii) dwar is-sħubija tal-Isvizzera fl-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni tat-28 ta' Novembru 2007, il-Ftehim tal-2006 li ssemma hawn fuq japplika għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-programm ta' fużjoni tal-Euratom bħala Stat terz assoċjat bis-sħiħ miegħu,

BILLI l-Euratom hija membru tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni. Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2007/198/Euratom u għall-Ftehimiet fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera (i) dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar l-Istabbiliment Organizzazzjoni Internazzjonali tal-ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-implimentazzjoni konġunta tal-Proġett tal-ITER, il-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għall-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett tal-ITER u l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Ġappun għall-implimentazzjoni konġunta tal-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-qasam tar-riċerka tal-enerġija mill-fużjoni għat-territorju tal-Isvizzera u (ii) dwar is-sħubija tal-Isvizzera fl-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni tat-28 ta' Novembru 2007 l-Isvizzera saret membru tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni bħala Stat terz li sieħeb il-programm tar-riċerka tiegħu mal-programm ta' fużjoni tal-Euratom;

BILLI l-Euratom ikkonkludiet il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Ġappun għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Attivitajiet tal-Approċċ Usa' fil-Qasam tar-Riċerka dwar l-Enerġija mill-Fużjoni ([2]). Skont l-Artikolu 26 ta' dak il-Ftehim japplika għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-programm ta' fużjoni tal-Euratom bħala Stat terz assoċjat bis-sħiħ miegħu,

BILLI l-programm tal-Unjoni "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" (minn issa 'l quddiem "Orizzont 2020") ġie adottat permezz tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), il-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont 2020 ġie adottat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE ([4]), u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplimenta l- Orizzont 2020 — (minn hawn 'il quddiem "il-Programm Euratom") ġie adottat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1314/2013 ([5]), u r-Regoli għall-parteċipazzjoni u disseminazzjoni fl-Orizzont 2020 u

([1]) ĠU L 358, 16.12.2006, p. 62.

([2]) ĠU L 246, 21.9.2007, p. 34.

([3]) Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

([5]) Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1314/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 948).

fil-Programm Euratom ġew adottati permezz tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u r-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) (minn issa 'l quddiem "ir-Regolament EIT") ġie emendat permezz tar-Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), u d-deċiżjoni li tingħata l-bażi għall-finanzjament tal-attivitajiet relatati mal-ITER għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020 ġiet adottata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/791/Euratom ([4]),

BILLI, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem "TFUE") u tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (minn issa 'l quddiem "Trattat Euratom"), dan il-Ftehim u kull attività mibdija fil-kuntest tiegħu, bl-ebda mod ma jaffettwaw is-setgħat mogħtija lill-Istati Membri tal-Unjoni li jwettqu attivitajiet bilaterali mal-Isvizzera fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija, tar-riċerka u tal-iżvilupp u biex, fejn ikun xieraq, jikkonkludu ftehimiet magħha għal dak il-għan.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Suġġett

1. It-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-implimentazzjoni tal-Pilastru I tal-programm Orizzont 2020 u tal-azzjonijiet imwettqin skont l-għan speċifiku msejjaħ "It-tixrid tal-eċċellenza u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni", fil-Programm Euratom 2014-2018 u fl-attivitajiet imwettqin mill-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Fużjoni għall-Enerġija") għall-2014-2020, għandhom ikunu dawk stipulati f'dan il-Ftehim.

2. Suġġett għall-Artikolu 13(6), mill-1 ta' Jannar 2017 dan il-Ftehim għandu jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-implimentazzjoni tal-programm Orizzont 2020 kollu, fil-Programm Euratom għall-2014 sal-2018 u fl-attivitajiet imwettqa mill- Enerġija mill-Fużjoni għall-2014 -2020.

3. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera jistgħu jipparteċipaw fil-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u fl-attivitajiet imwettqa mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7.

4. Mill-1 ta' Jannar 2017 l-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera jistgħu jippartecipaw fl-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Unjoni, sakemm tali parteċipazzjoni mhijiex koperta mill-paragrafu 1a.

5. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni, inkluż iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Unjoni, jistgħu jipparteċipaw fi programmi u/jew proġetti tar-riċerka Svizzera li jittrattaw temi ekwivalenti għal dawk tal-programmi msemmija fil-paragrafu 1 u għal dawk imsemmija fil-paragrafu 2 mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem.

6. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) "entità legali" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe persuna legali maħluqa u rrikonuxxuta bħala tali skont il-liġi nazzjonali, il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi internazzjonali, li għandha personalità legali u li tista' teżerċita drittijiet u tkun suġġetta għal ċerti obbligi meta taġixxi f'isimha stess;

(b) "Programmi koperti minn dan il-Ftehim" tfisser il-Pilastru I tal-programm Orizzont 2020, l-azzjonijiet imwettqa skont l-għan speċifiku msejjaħ "It-tixrid tal-eċċellenza u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni" u l-Programm Euratom 2014-2018 jew, skont l-Artikolu 13(6), il-programm Orizzont 2020 kollu u l-Programm Euratom għall-2014 sal-2018 mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem;

(c) "Pilastru I tal-programm Orizzont 2020" tfisser l-azzjonijiet imwettqin skont l-għanijiet speċifiċi elenkati fil-Parti I tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013, jiġifieri l-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, it-teknoloġiji futuri u emerġenti, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie u l-infrastrutturi tar-riċerka.

([1]) Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).
([2]) Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1).
([3]) Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 174).
([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi (ĠU L 349, 21.12.2013, p. 100).

Artikolu 2

Forom u mezzi ta' kooperazzjoni

1. Il-kooperazzjoni għandha tieħu l-forom li ġejjin:

a. Il-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera fi Programmi koperti minn dan il-Ftehim skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli tagħhom għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u fl-attivitajiet kollha mwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati mill-Impriża Konġunta.

F'każ li l-Unjoni tistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 185 u 187 tat- TFUE, l-Isvizzera għandha titħalla tipparteċipa fl-istrutturi legali maħluqin skont dawk id-dispożizzjonijiet, f'konformità mad-deċiżjonijiet u r-regolamenti li jkunu ġew adottati jew li jkunu se jiġu adottati għall-istabbilment ta' dawk l-istrutturi legali. Suġġetta għall-Artikolu 13(6), din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem.

L-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera għandhom ikunu eliġibbli jipparteċipaw f'azzjonijiet indiretti bbażati fuq l-Artikoli 185 u 187 tat-TFUE bħala entitajiet minn pajjiż assoċjat. Suġġetta għall-Artikolu 13(6), din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem.

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1292/2013 għandu japplika għall-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera fil-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni.

Il-parteċipanti Svizzeri huma mistiedna għall-Forum tal-Partijiet Interessati tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT).

b. Kontribuzzjoni finanzjarja min-naħa tal-Isvizzera għall-baġits tal-programmi ta' ħidma adottati għall-implimentazzjoni tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u għall-attivitajiet imwettqa mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija, kif iddefinita fl-Artikolu 4(2).

c. Il-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni fi programmi u/jew proġetti tar-riċerka Svizzeri deċiżi mill-Kunsill Federali li jittrattaw temi li huma ekwivalenti għal dawk tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u għal dawk tal-attivitajiet imwettqa mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija, skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti rilevanti Svizzeri u bil-qbil tal-imsieħba fil-proġett speċifiku u tal-persunal ta' ġestjoni tal-programm Svizzeru korrispondenti. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni li jipparteċipaw fi programmi u/jew proġetti tar-riċerka Svizzeri għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tagħhom stess, inkluż is-sehem relattiv tagħhom fl-ispejjeż amministrattivi u tal-ġestjoni ġenerali tal-proġett.

2. Minbarra l-għoti f'waqtu ta' informazzjoni u dokumentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u tal-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija, kif ukoll tal-programmi u/jew proġetti Svizzeri, il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet tista' tinkludi l-forom u l-mezzi li ġejjin:

(a) skambji regolari tal-fehmiet dwar il-linji gwida u l-prijoritajiet tal-politika tar-riċerka fl-Isvizzera u fl-Unjoni u fl-Euratom u dwar il-pjanijiet tagħhom għal dan il-qasam;

(b) skambji ta' fehmiet dwar il-prospetti għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp tagħha;

(c) skambji f'waqthom tat-tagħrif dwar l-implimentazzjoni tal-programmi u l-proġetti tar-riċerka fl-Isvizzera u fl-Unjoni u fl-Euratom u tat-tagħrif dwar ir-riżultati tax-xogħol imwettaq skont dan il-Ftehim;

(d) laqgħat konġunti u d-dikjarazzjonijiet konġunti li jirriżultaw minnhom;

(e) żjarat u skambji ta' riċerkaturi, inġiniera u persuni tekniċi;

(f) kuntatti regolari u segwitu bejn il-mexxejja tal-programmi jew tal-proġetti fl-Isvizzera u fl-Unjoni u fl-Euratom;

(g) il-parteċipazzjoni tal-esperti f'seminars, simpożji u sessjonijiet ta' ħidma;

(h) skambji f'waqthom tat-tagħrif dwar l-attivitajiet tal-ITER bl-istess mod bħalma jsir fil-każ tal-Istati Membri tal-Unjoni.

Artikolu 3

Drittijiet u obbligi marbutin mal-proprjetà intellettwali

1. Suġġetti għall-Anness I ta' dan il-Ftehim u għal-liġi applikabbli, l-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera li jkunu qed jipparteċipaw fi Programmi koperti minn dan il-Ftehim u f'attivitajiet imwettqa mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni li jkunu qed jipparteċipaw fil-programmi u fl-attivitajiet tar-riċerka kkonċernati f'dak li għandu x'jaqsam mas-sjieda, l-użu u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni u tal-proprjetà intellettwali li tirriżulta minn din il-parteċipazzjoni. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għar-riżultati miksuba minn proġetti li jkunu bdew qabel l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim.

2. Suġġetti għall-Anness I u għal-liġi applikabbli, l-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni li qed jieħdu sehem fi programmi u/jew proġetti tar-riċerka Svizzeri, kif previst fl-Artikolu 2(1)(c), għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera u li qed jipparteċipaw fi programmi u/jew proġetti kkonċernati f'dak li għandu x'jaqsam mas-sjieda, l-użu u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni u tal-proprjetà intellettwali li tirriżulta minn din il-parteċipazzjoni. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għar-riżultati miksuba minn proġetti li jkunu bdew qabel l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "proprjetà intellettwali" għandu jkollha t-tifsira stipulata fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali, li ġiet iffirmata fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967.

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet finanzjarji

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera li tirriżulta mill-parteċipazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u mill-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija għandha tkun stabbilita b'mod proporzjonat u addizzjonali għall-ammont disponibbli kull sena fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn biex jintlaħqu l-obbligi finanzjarji tal-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni") li jirriżultaw mill-ħidma li trid titwettaq fil-forom meħtieġa għall-implimentazzjoni, il-ġestjoni, il-funzjonament u t-twettiq tal-programmi koperti minn dan il-Ftehim.

L-Unjoni tirriżerva d-dritt li tuża l-approprjazzjonijiet operattivi u amministrattivi li jirriżultaw mill-kontribuzzjoni Svizzera għall-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u għall-attivitajiet kollha mwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija skont il-ħtiġijiet ta' dawk il-programmi u l-attivitajiet.

2. Il-fattur tal-proporzjonalità li jirregola l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera skont dan il-Ftehim għandu jinkiseb billi jiġi stabbilit il-proporzjon tal-prodott domestiku gross tal-Isvizzera, mogħti fil-prezzijiet tas-suq, meta mqabbel mas-somma tal-prodotti domestiċi grossi tal-Istati Membri tal-Unjoni.

Bħala eċċezzjoni, il-fattur tal-proporzjonalità li jirregola l-kontribuzzjoni tal-Isvizzera għall-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija u għall-parti tal-fużjoni tal-Programm Euratom għandu jinkiseb billi jiġi stabbilit il-proporzjon tal-prodott domestiku gross tal-Isvizzera, mogħti fil-prezzijiet tas-suq, meta mqabbel mas-somma tal-prodotti domestiċi grossi tal-Istati Membri tal-Unjoni u tal-Isvizzera, mogħtija fil-prezzijiet tas-suq.

Dawn il-proporzjonijiet għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-aktar statistika riċenti tal-Eurostat, li tkun disponibbli meta jiġi ppubblikat l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għal dik is-sena.

3. Ir-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera huma mogħtija fl-Anness II.

Artikolu 5

Kumitat għar-Riċerka bejn l-Isvizzera u l-Komunitajiet

1. Il-Kumitat għar-Riċerka bejn l-Isvizzera u l-Komunitajiet (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat") stabbilit bil-Ftehim Qafas għandu jeżamina, jevalwa u jiżgura l-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-Ftehim. Kull kwistjoni li tinqala' b'rabta mal-implimentazzjoni jew mal-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha titressaq quddiem il-Kumitat.

2. Il-Kumitat jista' jiddeċiedi li jemenda r-referenzi għall-atti tal-Unjoni li jinsabu fl-Anness III.

3. Il-Kumitat għandu jiltaqa' fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet. Barra minn hekk, il-Kumitat għandu jaħdem b'mod kontinwu permezz tal-iskambju tad-dokumenti, tal-ittri elettroniċi u ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni.

Artikolu 6

Parteċipazzjoni fil-kumitati

1. Ir-rappreżentanti tal-Isvizzera għandhom jipparteċipaw bħala osservaturi fil-kumitati responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim. Dik il-parteċipazzjoni għandha tkun skont ir-regoli ta' proċedura ta' dawk il-kumitati. L-Isvizzera għandha tiġi mgħarrfa dwar ir-riżultati tal-voti f'dawn il-kumitati. Dik il-parteċipazzjoni għandha tieħu l-istess għamla, inklużi l-proċeduri għat-trażmissjoni tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni, bħal dik applikabbli għar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni.

2. Ir-rappreżentanti tal-Isvizzera għandhom jipparteċipaw bħala osservaturi fil-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka. Dik il-parteċipazzjoni għandha tkun skont ir-regoli ta' proċedura ta' dan il-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrimborża l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza li jġarrbu r-rappreżentanti tal-Isvizzera li jkunu qed jieħdu sehem fil-laqgħat tal-kumitati msemmija fil-paragrafi 1 u 2 fuq l-istess bażi bħar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni, u skont il-proċeduri li hemm fis-seħħ bħalissa għalihom.

4. Ir-rappreżentanti tal-Isvizzera għandhom jipparteċipaw fil-korpi tal-Fużjoni għall-Enerġija. Il-parteċipazzjoni għandha tkun skont l-istatuti tal-Fużjoni għall-Enerġija, inklużi d-dispożizzjonijiet tagħhom dwar id-drittijiet tal-vot.

5. Il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti mill-Isvizzera fil-Kumitat tal-Innovazzjoni u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (il-KŻER) u fi gruppi relatati maż-Żona Ewropea tar-Riċerka (iż-ŻER) għandha tkun skont ir-regoli ta' proċedura ta' dak il-Kumitat u ta' dawk il-gruppi.

Artikolu 7

Parteċipazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, l-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera li jkunu qed jipparteċipaw fil-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u fl-attivitajiet imwettqin mill-Fużjoni għall-Enerġija għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi kuntrattwali bħall-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni.

2. Għall-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera, it-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-preżentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-proposti u dawk għall-għoti u l-konklużjoni ta' ftehimiet tal-għotja u/jew ta' kuntratti fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u tal-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija għandhom ikunu l-istess bħal dawk li japplikaw għall-ftehimiet tal-għotja u/jew għall-kuntratti konklużi fil-kuntest tal-istess programmi jew attivitajiet tal-Fużjoni għall-Enerġija ma' entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni.

3. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera għandhom ikunu eliġibbli għall-istrumenti finanzjarji stabbiliti fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim.

4. Għadd xieraq ta' esperti Svizzeri għandhom jiġu kkunsidrati fl-għażla tal-evalwaturi jew tal-esperti fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim, kif ukoll għall-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija, billi jiġu kkunsidrati l-ħiliet u l-għarfien adattati għall-kompiti assenjati lilhom.

5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(5), tal-Artikolu 2(1)(c) u tal-Artikolu 3(2) u għar-regolamenti u r-regoli ta' proċedura eżistenti, l-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jipparteċipaw fi programmi u/jew proġetti tal-programmi u l-attivitajiet tar-riċerka Svizzeri msemmija fl-Artikolu 2(1)(c) b'termini u kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk tal-imsieħba Svizzeri. L-awtoritajiet Svizzeri jistgħu jistipulaw li l-parteċipazzjoni ta' entità legali waħda jew aktar stabbilita fl-Unjoni fi proġett tkun suġġetta għall-parteċipazzjoni konġunta ma' mill-inqas entità legali waħda stabbilita fl-Isvizzera.

Artikolu 8

Mobilità

Kull Parti għandha timpenja ruħha, f'konformità mar-regolamenti u l-ftehimiet eżistenti fis-seħħ, li tiggarantixxi d-dħul u s-soġġorn — sakemm dan ikun indispensabbli għat-twettiq b'suċċess tal-attività kkonċernata — ta' għadd ta' riċerkaturi minn tagħha li jkunu qed jipparteċipaw fl-attivitajiet koperti minn dan il-Ftehim fl-Isvizzera u fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 9

Reviżjoni u kollaborazzjoni futura

1. Jekk l-Unjoni jew l-Euratom jirrevedu jew jestendu l-programmi rispettivi tar-riċerka tagħhom jew l-attivitajiet tal-Fużjoni għall-Enerġija, dan il-Ftehim jista' jiġi rivedut jew estiż skont kundizzjonijiet miftehma b'mod reċiproku. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni u l-fehmiet tagħhom dwar reviżjoni jew estensjoni bħal din, kif ukoll dwar kull kwistjoni oħra li taffettwa direttament jew indirettament il-kooperazzjoni tal-Isvizzera fl-oqsma koperti mill-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u mill-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija. L-Isvizzera għandha tiġi mgħarrfa bil-kontenut eżatt tal-programmi jew tal-attivitajiet riveduti jew estiżi fi żmien ġimagħtejn mill-adozzjoni tagħhom mill-Unjoni u mill-Euratom. Fil-każ ta' reviżjoni jew estensjoni ta' dan it-tip tal-programmi jew l-attivitajiet tar-riċerka, l-Isvizzera tista' ttemm dan il-Ftehim billi tibgħat avviż dwar dan mill-anqas sitt xhur qabel. Il-Partijiet għandhom javżaw lil xulxin dwar kull intenzjoni li jkollhom li jtemmu jew li jestendu dan il-Ftehim fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Unjoni jew tal-Euratom.

2. Jekk l-Unjoni jew l-Euratom tadotta programmi qafas pluriennali ġodda għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku jew deċiżjoni ġdida biex tiffinanzja l-attivitajiet tal- Fużjoni għall-Enerġija, dan il-Ftehim jista' jiġġedded jew jiġi nnegozjat mill-ġdid skont kundizzjonijiet miftehma b'mod reċiproku bejn il-Partijiet. Il-Partijiet għandhom jiskawmbjaw l-informazzjoni u l-fehmiet tagħhom dwar it-tħejjija ta' tali programmi jew attivitajiet tar-riċerka attwali u futuri oħrajn, inklużi dawk imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija, permezz tal-Kumitat.

Artikolu 10

Rabta ma' ftehimiet internazzjonali oħrajn

1. Dan il-Ftehim għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-vantaġġi previsti minn ftehimiet internazzjonali oħrajn li jorbtu waħda mill-Partijiet u li huma riżervati biss għall-entitajiet legali stabbiliti fit-territorju ta' dik il-Parti.

2. Entità legali stabbilita f'pajjiż ieħor assoċjat mal-Orizzont 2020 (Pajjiż Assoċjat) jew mal-Programm Euratom tgawdi mill-istess drittijiet u obbligi taħt dan il-Ftehim bħall-entitajiet legali li huma stabbiliti fi Stat Membru tal-Unjoni, jekk kemm-il darba l-Pajjiż Assoċjat li fih l-entità tkun stabbilita jkun qabel li jagħti l-istess drittijiet u obbligi lill-entitajiet legali mill-Isvizzera.

Artikolu 11

Applikazzjoni territorjali

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li fihom huma applikati t-TFUE u t-Trattat Euratom u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawk it-Trattati u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Isvizzera.

Artikolu 12

Annessi

L-Annessi I, II u III għandhom jiffurmaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

Artikolu 13

Emenda u terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għall-perjodu kollu li fih idum japplika l-Orizzont 2020, sal-31 ta' Diċembru 2018 għall-Programm Euratom u sal-31 ta' Diċembru 2020 għall-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija.

Minkejja l-paragrafu 3, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Marzu 2019, kull Parti tista' ttemm dan il-Ftehim b'notifika bil-miktub fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija. F'dan il-każ, il-Ftehim għandu jieqaf japplika fil-31 ta' Diċembru 2018 fir-rigward tat-tali attivitajiet.

Dan il-Ftehim għandu jiġi estiż b'mod taċitu u japplika bl-istess termini u kundizzjonijiet tal-Programm Euratom 2019-2020, sakemm xi parti minnhom ma tinnotifikax id-deċiżjoni tagħha li ma testendix dan il-Ftehim għal dak il-Programm fi żmien tliet xhur minn meta jiġi adottat il-Programm Euratom 2019-2020. Fil-każ ta' notifika bħal din, dan il-Ftehim għandu jieqaf japplika fil-31 ta' Diċembru 2018 għall-Programm Euratom, mingħajr preġudizzju għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-programm Orizzont 2020 u fl-attivitajiet imwettqa mill- Fużjoni għall-Enerġija.

2. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat biss bil-miktub bil-kunsens komuni tal-Partijiet. Il-proċedura għad-dħul fis-seħħ tal-emendi għandha tkun l-istess bħall-proċedura applikabbli għal dan il-Ftehim.

3. Kull Parti tista' ttemm dan il-Ftehim f'kull ħin, dejjem jekk tibgħat notifika bil-miktub sitt xhur bil-quddiem.

4. F'każ li l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni jiġi tterminat, dan il-Ftehim għandu jieqaf japplika fl-istess data bħal dik il fiha jieqaf japplika l-Ftehim imsemmi qabel. Ma għandu jkun meħtieġ l-ebda avviż bil-miktub minn qabel għal dan il-għan.

5. Dan il-Ftehim m'għandux jibqa' japplika jekk l-Isvizzera ma tibgħatx in-notifika meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-protokoll dwar l-estensjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni (minn hawn 'il quddiem:il-protokoll dwar l-estensjoni tal-Kroazja), fi żmien sitt xhur minn meta jitlestew il-proċeduri interni Svizzeri. Ma għandu jkun meħtieġ l-ebda avviż bil-miktub minn qabel għal dan il-għan.

6. Dan il-Ftehim m'għandux jibqa' japplika, b'effett retroattiv mill-31 ta' Diċembru 2016, jekk l-Isvizzera ma tirratifikax il-protokoll dwar l-estensjoni tal-Kroazja sad-9 ta' Frar 2017. Jekk il-Konfederazzjoni Svizzera tirratifika dak il-Protokoll, dan il-Ftehim għandu japplika għall-Orizzont 2020 kollu, għall-Programm Euratom 2014-2018 u għall-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem.

7. Il-proġetti u l-attivitajiet li jkunu qed jitwettqu meta jintemm u/jew jiskadi dan il-Ftehim għandhom jibqgħu għaddejjin sa ma jitlestew skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim. Il-Partijiet għandhom isolvu b'kunsens komuni kull konsegwenza oħra tat-terminazzjoni.

Artikolu 14

Klawżola ta' reviżjoni

Fir-raba' sena wara li jibda japplika dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jirrevedu b'mod konġunt l-implimentazzjoni tiegħu, inkluż il-fattur ta' proporzjonalità li jirregola l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera, fuq il-bażi tad-dejta dwar il-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera fl-azzjonijiet diretti u indiretti mwettqa fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim fis-snin 2014-2016, kif ukoll fl-attivitajiet tal-Fużjoni għall-Enerġija.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi ratifikat jew konkluż mill-Partijiet f'konformità mar-regoli rispettivi tagħhom. Huwa għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika tat-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan.

Fir-rigward tal-assoċjazzjoni tal-Isvizzera mal-Orizzont 2020, l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim għandha tibda meta r-rappreżentanti tal-Isvizzera u tal-Unjoni jiffirmawh.

Fir-rigward tal-assoċjazzjoni tal-Isvizzera mal-Programm Euratom u mal-attivitajiet tal-Fużjoni għall-Enerġija, l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim għandha tibda meta l-Isvizzera tkun iffirmat il-Ftehim u l-Euratom ikun innotifika lill-Isvizzera li tlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim.

Il-Ftehim għandu jibda' japplika b'mod provviżorju mill-15 ta' Settembru 2014 'il quddiem. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera għandhom jiġu ttrattati bħala entitajiet minn Pajjiż Assoċjat fis-sens tal-Artikolu 2(1)(3) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 għall-finijiet tas-sejħiet għal proposti jew tal-istediniet biex jitressqu l-proposti, tal-proċeduri ta' akkwist jew tal-kompetizzjonijiet fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim li jiskadu mill-15 ta' Settembru 2014 'il quddiem.

Jekk l-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera ma jkunux eliġibbli għall-finanzjament fil-kuntest ta' sejħiet għall-proposti jew stediniet biex jitressqu l-proposti jew kompetizzjonijiet fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim iffinanzjati mill-baġit tal-2015 ta' dawk il-Programmi, abbażi tal-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera maħruġa skont l-Anness II għal dan il-Ftehim għas-sena 2015, il-baġit tal-programm rilevanti għandu jitnaqqas bil-baġit ta' dawk is-sejħiet, l-istediniet biex jitressqu l-proposti jew il-kompetizzjonijiet.

2. Jekk waħda mill-Partijiet tinnotifika lill-oħra li mhix se tikkonkludi jew tirratifika dan il-Ftehim, qed jiġi maqbul li:

(a) l-Unjoni u l-Euratom għandhom iroddu lura lill-Isvizzera l-kontribuzzjoni tagħha għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, hekk kif previst fl-Artikolu 2(1)(b);

(b) madankollu, l-Unjoni u l-Euratom għandhom inaqqsu mir-rimborż imsemmi fil-punt (a) il-fondi li huma jkunu diġà allokaw, matul l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim, għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera f'azzjonijiet indiretti jew għall-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija;

(c) proġetti u attivitajiet li jkunu bdew waqt l-applikazzjoni provviżorja u li jkun għadhom għaddejjin fi żmien in-notifika msemmija hawn fuq għandhom jibqgħu għaddejjin sa ma jitlestew skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Ftehim.

Artikolu 16

Rabta mal-Ftehim dwar il-Fużjoni

1. Mal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, dan il-Ftehim għandu jissospendi l-Ftehim dwar il-Fużjoni tal-1978.

2. Mad-dħul fis-seħħ tiegħu, dan il-Ftehim għandu jtemm u jieħu post il-Ftehim ta' dwar il-fużjoni.

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Isvediż, u kull wieħed mit-testi għandu jkun ugwalment awtentiku.

Съставено в Брюксел на пети декември две хиляди и четиринадесета година.

Hecho en Bruselas, el cinco de diciembre de dos mil catorce.

V Bruselu dne pátého prosince dva tisíce čtrnáct.

Udfærdiget i Bruxelles den femte december to tusind og fjorten.

Geschehen zu Brüssel am fünften Dezember zweitausendvierzehn.

Kahe tuhande neljateistkümnenda aasta detsembrikuu viiendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις πέντε Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες δεκατέσσερα.

Done at Brussels on the fifth day of December in the year two thousand and fourteen.

Fait à Bruxelles, le cinq décembre deux mille quatorze.

Sastavljeno u Bruxellesu petog prosinca dvije tisuće četrnaeste.

Fatto a Bruxelles, addì cinque dicembre duemilaquattordici.

Briselē, divi tūkstoši četrpadsmitā gada piektajā decembrī.

Priimta du tūkstančiai keturioliktų metų gruodžio penktą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizennegyedik év december havának ötödik napján.

Magħmul fi Brussell, fil-ħames jum ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbatax.

Gedaan te Brussel, de vijfde december tweeduizend veertien.

Sporządzono w Brukseli dnia piątego grudnia roku dwa tysiące czternastego.

Feito em Bruxelas, em cinco de dezembro de dois mil e catorze.

Întocmit la Bruxelles la cinci decembrie două mii paisprezece.

V Bruseli piateho decembra dvetisícštrnásť.

V Bruslju, dne petega decembra leta dva tisoč štirinajst.

Tehty Brysselissä viidentenä päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattaneljätoista.

Som skedde i Bryssel den femte december tjugohundrafjorton.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen

За Европейската общност за атомна енергия
Por la Comunidad Europea de la Energía Atómica
Za Evropské společenství pro atomovou energii
For Det Europæiske Atomenergifællesskab
Für die Europäische Atomgemeinschaft
Euroopa Aatomienergiaühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα Ατομικής Ενέργειας
For the European Atomic Energy Community
Pour la Communauté européenne de l'énergie atomique
Za Europsku zajednicu za atomsku energiju
Per la Comunità europea dell'energia atomica
Eiropas Atomenerģijas Kopienas vārdā –
Europos atominės energijos bendrijos vardu
Az Európai Atomenergia-közösség részéről
F'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
Voor de Europese Gemeenschap voor Atoomenergie
W imieniu Europejskiej Wspólnoty Energii Atomowej
Pela Comunidade Europeia da Energia Atómica
Pentru Comunitatea Europeană a Energiei Atomice
Za Európske spoločenstvo pre atómovú energiu
Za Evropsko skupnost za atomsko energtjo
Euroopan atomienergiajärjestön puolcsta
För Europeiska atomenergigemenskapen

За Конфедерация Швейцария
Por la Confederación Suiza
Za Švýcarskou konfederaci
For Det Schweiziske Forbund
Für die Schweizerische Eidgenossenschaft
Šveitsi Konföderatsiooni nimel
Για την Ελβετική Συνομοσπονδία
For the Swiss Confederation
Pour la Confédération suisse
Za Švicarsku Konfederaciju
Per la Confederazione svizzera
Šveices Konfederācijas vārdā
Šveicarijos Konfederacijos vardu
A Svájci Államszövetség részéről
Għall-Konfederazzjoni Żvizzera
Voor de Zwitserse Bondsstaat
W imieniu Konfederacji Szwajcarskiej
Pela Confederação Suíça
Pentru Confederația Elvețiană
Za Švajčiarsku konfederáciu
Za Švicarsko konfederacijo
Sveitsin valaliiton puolesta
På Schweiziska edsförbundets vägnar

ANNESS I

PRINĊIPJI DWAR L-ALLOKAZZJONI TAD- DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI

I. DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI TAL-ENTITAJIET LEGALI TAL-PARTIJIET

1. Kull Parti għandha tiżgura li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-entitajiet legali tal-Parti l-oħra li jkunu qed jipparteċipaw fl-attivitajiet imwettqa skont dan il-Ftehim u d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn tali parteċipazzjoni jiġu ttrattati b'mod li jkun kompatibbli mal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti applikabbli għall-Partijiet, b'mod partikolari l-Ftehim TRIPS (il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ amministrat mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ), il-Konvenzjoni ta' Berna (l-Att ta' Pariġi tal-1971) u l-Konvenzjoni ta' Pariġi (l-Att ta' Stokkolma tal-1967).

2. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera li jkunu qed jieħdu sehem f'azzjonijiet indiretti fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim għandu jkollhom id-drittijiet u l-obbligi marbutin mal-proprjetà intellettwali skont ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013, id-dispożizzjonijiet tal-programm Orizzjont 2020 u tal-Ftehimiet tal-Għotja tal-Euratom.

3. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija għandu jkollhom id-drittijiet u l-obbligi marbutin mal-proprjetà intellettwali skont ir-regoli dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni u skont ir-regoli finanzjarji adottati mill-Fużjoni għall-Enerġija.

4. Meta l-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera jieħdu sehem f'azzjonijiet indiretti fil-kuntest tal-Orizzont 2020 li jkunu implimentati skont l-Artikoli 185 u 187 tat-TFUE, dawk l-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera għandu jkollhom id-drittijiet u l-obbligi marbutin mal-proprjetà intellettwali skont ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet tal-Għotja rilevanti u kwalunkwe regola rilevanti oħra, skont il-każ.

5. L-entitajiet legali stabbiliti fi Stat Membru tal-Unjoni li jkunu qed jipparteċipaw fi programmi u/jew proġetti tar-riċerka Svizzeri għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi marbutin mal-proprjetà intellettwali bħall-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera li jkunu qed jipparteċipaw f'dawk il-programmi jew il-proġetti tar-riċerka.

II. DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI U SKAMBJU TAL-INFORMAZZJONI TAL-PARTIJIET

1. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor bejniethom, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ġġenerati mill-Partijiet matul l-attivitajiet imwettqa f'konformità mal-Artikolu 2(2) ta' dan il-Ftehim:

   (a) Il-Parti li tiġġenera l-proprjetà intellettwali għandu jkollha s-sjieda ta' din il-proprjetà. Meta ma jkunx jista' jitkejjel is-sehem rispettiv tagħhom fil-ħidma, il-Partijiet għandu jkollhom sjieda konġunta tal-proprjetà intellettwali;

   (b) Il-Parti li jkollha s-sjieda għandha tagħti d-drittijiet lill-Parti l-oħra biex din taċċessa u tuża din il-proprjetà intellettwali fir-rigward tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) ta' dan il-Ftehim. Ma għandu jintalab l-ebda ħlas għall-għoti tad-drittijiet ta' aċċess għall-proprjetà intellettwali u għall-użu tagħha.

2. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor bejniethom, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-Partijiet:

   (a) Meta Parti tippubblika xogħol li jkun fih dejta, informazzjoni u riżultati tekniċi jew xjentifiċi li jkunu ġejjin mill-attivitajiet imwettqa fil-kuntest ta' dan il-Ftehim f'rivisti, artikli, rapporti u kotba, inklużi xogħlijiet awdjoviżivi u softwer, għandha tingħata liċenzja dinjija, mhux-esklużiva, irrevokabbli u mingħajr "royalty" lill-Parti l-oħra għat-traduzzjoni, l-adattament, it-trażmissjoni u t-tixrid pubbliku tad-dejta, tal-informazzjoni u tar-riżultati tekniċi jew xjentifiċi kkonċernati, sakemm ma titħallhiex tagħmel dan minħabba d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali eżistenti ta' partijiet terzi;

   (b) Il-kopji kollha tad-dejta u tal-informazzjoni protetta bid-drittijiet tal-awtur li jkunu se jitqassmu lill-pubbliku u li jitħejjew skont din is-sezzjoni għandhom jindikaw l-ismijiet tal-awtur jew tal-awturi, sakemm awtur ma jirrifjutax b'mod ċar li jissemma. Il-kopji għandhom jirreferu wkoll biċ-ċar għall-appoġġ kooperattiv tal-Partijiet.

3. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor bejniethom, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-informazzjoni tal-Partijiet m'għandhiex tiġi żvelata:

   (a) Meta lill-Parti l-oħra tintbagħtilha informazzjoni li għandha x'taqsam mal-attivitajiet imwettqa fil-kuntest ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tidentifika l-informazzjoni li hija tixtieq li ma tiġix żvelata;

   (b) Għall-finijiet speċifiċi tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Parti li tirċievi din l-informazzjoni tista' tibgħat, taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, din l-informazzjoni li m'għandhiex tiġi żvelata lil korpi jew persuni li jaqgħu taħt l-awtorità tagħha bħala informazzjoni kunfidenzjali u b'obbligu li din l-informazzjoni tinżamm kunfidenzjali;

(c) Jekk il-Parti li tkun qed tipprovdi l-informazzjoni li m'għandhiex tiġi żvelata tkun tat il-kunsens bil-miktub bil-quddiem tagħha, il-Parti li tirċievi din l-informazzjoni tista' tiddessimina din l-informazzjoni fost firxa usa' ta' nies milli jippermetti skont il-punt (b). Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-iżvilupp ta' proċeduri għat-talba u għall-kisba tal-kunsens bil-miktub bil-quddiem għat-tixrid fost firxa usa' ta' nies, u kull Parti għandha tagħti t-tali approvazzjoni sal-limitu permess mill-politiki, mir-regolamenti u mil-liġijiet nazzjonali tagħha;

(d) L-informazzjoni mhux iddokumentata li m'għandhiex tiġi żvelata, jew informazzjoni oħra kunfidenzjali jew li għandha tibqa' sigrieta mogħtija waqt seminars jew laqgħat oħra tar-rappreżentanti tal-Partijiet organizzati fil-kuntest ta' dan il-Ftehim, jew informazzjoni li tirriżulta mis-sekondar tal-persunal, mill-użu tal-faċilitajiet jew minn azzjonijiet indiretti trid tibqa' kunfidenzjali, fejn min jirċievi t-tali informazzjoni li m'għandhiex tiġi żvelata jew informazzjoni oħra kunfidenzjali jew li għandha tibqa' sigrieta jkun ġie mgħarraf dwar in-natura kunfidenzjali ta' dik l-informazzjoni qabel ma din tkun ġiet ikkomunikata lilu, f'konformità mal-punt (a);

(e) Kull Parti għandha tiżgura li l-informazzjoni li m'għandhiex tiġi żvelata li hija takkwista f'konformità mal-punt (a) jew (d) għandha tkun ikkontrollata kif previst f'dan il-Ftehim. Jekk waħda mill-Partijiet issir taf li hija mhix se tkun tista' jew li s'iktarx mhux se tkun tista' tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti kontra d-disseminazzjoni tal-informazzjoni stipulati fil-punti (a) u (d), hija għandha tinforma lill-Parti l-oħra minnufih dwar dan. Wara, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jiddeċiedu kif għandhom jimxu 'l quddiem f'dak il-każ.

ANNESS II

REGOLI FINANZJARJI LI JIRREGOLAW IL-KONTRIBUZZJONI TAL-ISVIZZERA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4 TA' DAN IL-FTEHIM

I. IFFISSAR TAL-PARTEĊIPAZZJONI FINANZJARJA

1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat it-tagħrif li ġej lill-Isvizzera, flimkien mad-dokumenti ta' referenza rilevanti, inkluża d-dejta tal-Eurostat korrispondenti, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru ta' kull sena, u kull meta jiġi aġġornat il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 hekk kif dan ikun disponibbli:

   (a) l-ammonti tal-approprjazzjonijiet ta' impenn fid-dikjarazzjoni tan-nefqa tal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena ta' wara li jikkorrispondu għall-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u l-kontribuzzjoni finali tal-Unjoni għall-Fużjoni għall-Enerġija;

   (b) l-ammont stmat tal-kontribuzzjonijiet miksuba mill-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jikkorrispondi għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera għas-sena ta' wara f'kull wieħed mill-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u fl-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija.

2. Ladarba l-baġit ġenerali tal-Unjoni jkun ġie adottat definittivament u fl-istess ħin tal-ewwel sejħa għall-fondi ta' dik is-sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Isvizzera l-ammonti msemmija il-paragrafu 1(a) u (b) flimkien mad-dokumenti ta' referenza rilevanti, inkluża d-dejta tal-Eurostat korrispondenti, f'dikjarazzjonijiet separati tan-nefqa li jikkorrispondu għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera f'kull wieħed mill-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u fl-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija.

II. PROĊEDURI TAL-PAGAMENTI

1. F'Ġunju u f'Novembru ta' kull sena finanzjarja, il-Kummissjoni għandha toħroġ sejħa separata għall-fondi lill-Isvizzera li tkun tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tagħha għal kull wieħed mill-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u għall-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija fil-kuntest ta' dan il-Ftehim. Dawk is-sejħiet għall-fondi għandhom jagħmlu tajjeb rispettivament għall-ħlas ta' sitta minn kull tnax tal-kontribuzzjoni Svizzera għal kull sejħa għall-fondi u dan il-ħlas għandu jsir mhux aktar tard minn 30 jum wara l-wasla tas-sejħa korrispondenti għall-fondi. Madankollu, fl-aħħar sena taż-żewġ Programmi u fl-aħħar sena tad-Deċiżjoni 2013/791/Euratom, il-Kummissjoni għandha toħroġ sejħa waħda għall-fondi f'Ġunju ta' dik is-sena, li tkun tkopri s-sena kollha, u dawn il-fondi għandhom jitħallsu mhux iktar tard minn 30 jum wara l-wasla tas-sejħa korrispondenti għall-fondi.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' hawn fuq, sal-15 ta' Diċembru 2014 il-Kummissjoni għandha toħroġ sejħa għall-fondi lill-Isvizzera li tikkorrispondi għal 7/24 tal-kontribuzzjoni annwali tagħha għall-Programmi koperti minn dan il-Ftehim għall-2014, bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet marbuta mal-fużjoni fil-kuntest tal-Programm Euratom. Sal-15 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha toħroġ ukoll sejħa li tikkorrispondi għal 12/12 tal-kontribuzzjoni annwali tal-Isvizzera għall-attivitajiet marbuta mal-fużjoni fil-kuntest tal-Programm Euratom u għall-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija fl-2014. Dawn is-sejħiet għandhom jipprevedu l-ħlas tal-kontribuzzjoni tal-Isvizzera sa mhux aktar tard minn 30 jum wara l-wasla tas-sejħa korrispondenti għall-fondi.

3. Il-kontribuzzjonijiet tal-Isvizzera għandhom isiru u jitħallsu f'euros.

4. L-Isvizzera għandha tħallas il-kontribuzzjoni tagħha fil-kuntest ta' dan il-Ftehim skont l-iskeda mogħtija fil-paragrafu 1 jew 2 rispettivament. Kull dewmien fil-ħlas għandu jwassal għall-ħlas ta' imgħax b'rata li tkun daqs ir-rata interbankarja offruta ta' xahar (EURIBOR). Din ir-rata għandha tiżdied b'1.5 punti perċentwali għal kull xahar ta' dewmien. Ir-rata miżjuda għandha tiġi applikata għall-perjodu kollu tad-dewmien.

III. KUNDIZZJONIJIET TAL-IMPLIMENTAZZJONI

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera għaż-żewġ Programmi u għall-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija skont l-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim għandha tibqa' kif inhi għas-sena finanzjarja kkonċernata. Kwalunkwe tibdil rilevanti fil-baġit ġenerali tal-Unjoni adottat fis-sena finanzjarja kkonċernata għandu jiġi kkunsidrat fl-ewwel sejħa għall-fondi maħruġa fis-sena ta' wara, ħlief fis-sena finali tal-Programmi u tal-attivitajiet rispettivi.

2. Il-Kummissjoni, fiż-żmien tal-għeluq tal-kontijiet marbuta ma' kull sena finanzjarja (n), fil-qafas tat-twaqqif tal-kont tad-dħul u l-infiq, għandha tissokta bir-regolarizzazzjoni tal-kontijiet fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Isvizzera, filwaqt li tqis il-bidliet li jkunu saru, kemm minħabba t-trasferimenti, il-kanċellazzjonijiet jew ir-riporti jew minħabba baġits supplimentari jew ta' emenda matul is-sena finanzjarja.

3. Dik ir-regolarizzazzjoni għandha sseħħ meta jsir l-ewwel pagament għas-sena n + 1. Madankollu, ir-regolarizzazzjoni finali ta' dan it-tip għandha sseħħ mhux aktar tard minn Lulju tar-raba' sena wara t-tmiem ta' kull wieħed miż-żewġ Programmi u wara tmiem il-perjodu ta' validità tad-Deċiżjoni 2013/791/Euratom. Il-ħlas mill-Isvizzera għandu jiġi kkreditat lill-Unjoni u lill-programmi tal-Euratom bħala dħul għall-baġit allokat għall-intestatura baġitarja x-xierqa fid-dikjarazzjoni tad-dħul tal-baġit ġenerali tal-Unjoni.

IV. INFORMAZZJONI

1. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru ta' kull sena finanzjarja (n + 1), id-dikjarazzjoni tal-approprjazzjonijiet għall-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u għall-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija relatati mas-sena finanzjarja preċedenti (n), għandha titħejja u tintbagħat lill-Isvizzera għall-informazzjoni tagħha, skont il-format tal-kont tad-dħul u l-infiq tal-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-Isvizzera l-istatistika u kull dejta finanzjarja ġenerali oħra marbuta mal-implimentazzjoni ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ Programmi u mal-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni.

ANNESS III

KONTROLLI FINANZJARJI TAL-PARTEĊIPANTI TA' SVIZZERA FL-ORIZZONT 2020, FIL-PROGRAMM EURATOM U FL-ATTIVITAJIET IMWETTQA MILL-FUŻJONI GĦALL-ENERĠIJA KOPERTI MINN DAN IL-FTEHIM

I. KOMMUNIKAZZJONIJIET DIRETTI

Il-Kummissjoni tista' tikkomunika direttament mal-parteċipanti fil-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u fl-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija stabbiliti fl-Isvizzera u mas-sottokuntratturi tagħhom. Huma jistgħu jissottomettu direttament lill-Kummissjoni kull informazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti li huma jeħtieġ li jippreżentaw abbażi tal-istrumenti msemmija f'dan il-Ftehim u tal-ftehimiet tal-għotja u/jew tal-kuntratti konklużi sabiex dawn jiġu implimentati.

II. AWDITI

1. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 ([2]) u mar-regoli l-oħra msemmija f'dan il-Ftehim, il-ftehimiet tal-għotja u/jew il-kuntratti konklużi mal-parteċipanti fil-programmi u fl-attivitajiet stabbiliti fl-Isvizzera jistgħu jipprovdu awditjar xjentifiku, finanzjarju jew teknoloġiku jew awditjar ieħor li l-aġenti tal-Kummissjoni jew persuni oħra li jkunu ngħataw mandat mill-Kummissjoni jistgħu jwettqu f'kull ħin fil-bini tal-parteċipanti u tas-sottokuntratturi tagħhom.

2. L-aġenti tal-Kummissjoni, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u persuni oħrajn li jkunu ngħataw mandat mill-Kummissjoni għandu jkollhom aċċess għas-siti u għax-xogħlijiet rilevanti u għall-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jitwettqu dawn l-awditi, inkluża informazzjoni f'format elettroniku. Dan id-dritt ta' aċċess għandu jissemma b'mod espliċitu fil-ftehimiet tal-għotja u/jew fil-kuntratti konklużi sabiex jiġu implimentati l-istrumenti msemmija f'dan il-Ftehim.

3. Wara l-iskadenza tal-Orizzont 2020 u tal-Programm Euratom, jew wara l-31 ta' Diċembru 2020 għall-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija, l-awditi jistgħu jsiru skont it-termini stipulati fil-ftehimiet tal-għotja u/jew fil-kuntratti kkonċernati.

4. L-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru għandu jkun infurmat bil-quddiem bi kwlaunkwe awditi li jkunu se jsiru mill-persuni msemmijin fil-paragrafu 2 fit-territorju Svizzeru. It-tali notifika ma għandhiex tkun prerekwiżit legali għat-twettiq tat-tali awditi. L-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru jew l-awtoritajiet Svizzeri kompetenti l-oħrajn maħturin mill-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru jistgħu jgħinu matul dawn l-awditi.

III. INVESTIGAZZJONIJIET MILL-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (L-OLAF)

1. Fi ħdan il-qafas ta' dan il-Ftehim, il-Kummissjoni (l-OLAF) tista' twettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fit-territorju Svizzeru, skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([3]) u fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) bil-għan li tistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u/jew tal-Euratom.

2. Il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom jitħejjew u jitmexxew mill-OLAF f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru jew mal-awtoritajiet Svizzeri kompetenti oħrajn maħturin mill-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru, li għandhom jiġu nnotifikati fi żmien xieraq dwar l-iskop, il-finijiet u l-bażi legali tal-verifiki u l-ispezzjonijiet, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu l-għajnuna kollha meħtieġa. Għal dan il-għan, l-uffiċjali tal-awtoritajiet Svizzeri kompetenti jistgħu jipparteċipaw fil-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post.

([1]) Regolament (UE, Euratom) Nru Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

([2]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

([4]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

3. Jekk l-awtoritajiet Svizzeri kkonċernati jkunu jixtieqU hekk, il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post jistgħu jsiru b'mod konġunt mill-OLAF u minnhom.

4. Fejn il-parteċipanti fil-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u fl-attivitajiet imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija jopponu kontroll jew spezzjoni fuq il post, l-awtoritajiet Svizzeri, filwaqt li jaġixxu f'konformità mar-regoli nazzjonali tagħhom, għandhom jagħtu lill-investigaturi tal-OLAF kull assistenza li jkollhom bżonn biex ikunu jistgħu jaqdu dmirijiethom fit-twettiq tal-kontroll jew tal-ispezzjoni fuq il post.

5. L-OLAF għandu jirrapporta lill-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru jew lill-awtoritajiet Svizzeri kompetenti l-oħrajn maħturin mill-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru, mill-aktar fis possibbli, dwar kull fatt jew suspett relatat ma' irregolarità li huwa jkun induna biha waqt li kien qed iwettaq il-verifika jew l-ispezzjoni fuq il post. F'kull każ, l-OLAF għandu jinforma lill-awtorità msemmija qabel bir-riżultat ta' dawn il-verifiki u l-ispezzjonijiet.

IV. INFORMAZZJONI U KONSULTAZZJONI

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni korretta ta' dan l-Anness, l-awtoritajiet kompetenti Svizzeri u tal-Unjoni għandhom jiskambjaw l-informazzjoni b'mod regolari u, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, għandhom iwettqu konsultazzjonijiet bejniethom.

2. L-awtoritajiet kompetenti Svizzeri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kull fatt jew suspett li jsiru jafu bih marbut ma' xi irregolarità b'rabta mal-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet tal-għotja u/jew tal-kuntratti konklużi biex jiġu applikati l-istrumenti msemmija f'dan il-Ftehim.

V. KUNFIDENZJALITÀ

L-informazzjoni kkomunikata jew miksuba f'kull forma fil-kuntest ta' dan l-Anness għandha tkun koperta bis-segretezza professjonali u għandha tkun imħarsa bl-istess mod bħalma hija mħarsa informazzjoni simili mil-liġi Svizzera u mid-dispożizzjonijiet korrispondenti applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Din l-informazzjoni ma għandhiex tintbagħat lil persuni oħra, ħlief dawk fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew fl-Istati Membri tal-Istati Membri jew fl-Isvizzera li l-funzjonijiet tagħhom jirrikjedu li huma jkunu jafuha, u lanqas ma għandha tintuża għal finijiet oħra, ħlief biex tkun żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet.

VI. MIŻURI U SANZJONIJIET AMMINISTRATTIVI

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi kriminali Svizzera, il-Kummissjoni tista' timponi miżuri u sanzjonijiet amministrattivi skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament (UE) Nru 1268/2012 u skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([1]).

VII. IRKUPRU U INFURZAR

Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-Orizzont 2020 jew tal-Programm Euratom li jaqgħu fl-ambitu ta' dan il-Ftehim u li jimponu obbligu ta' ħlas ta' flus fuq persuni għajr l-Istati għandhom ikunu eżekwibbli fl-Isvizzera. It-titolu li jista' jkun infurzat għandu jinħareġ, mingħajr aktar kontrolli apparti l-verifika tal-awtentiċità tal-att, mill-awtoritajiet maħtura mill-gvern Svizzeru, li għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan. L-infurzar għandu jseħħ skont ir-regoli ta' proċedura Svizzeri. Il-legalità tad-deċiżjoni ta' infurzar għandha tkun suġġetta għall-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Is-sentenzi mogħtija minn dik il-Qorti abbażi ta' klawżola ta' arbitraġġ f'kuntratt jew ftehim tal-għotja konkluż fil-kuntest tal-Orizzont 2020 u ta-Programm Euratom għandhom ikunu eżekwibbli bl-istess termini bħal dawk applikabbli għall-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-4 ta' Diċembru 2014

li tapprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija

(2014/954/Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Novembru 2013 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, mal-Konfederazzjoni Svizzera bil-għan li jiġi konkluż ftehim komprensiv għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplimenta l-Orizzont 2020; u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-proġett tal-ITER fis-snin 2014-2020.

(2) Dawk in-negozjati tlestew b'suċċess.

(3) L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija ("il-Ftehim") huma soġġetti għal proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(4) Għalhekk, il-Ftehim għandu jiġi konkluż ukoll f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat tal-Euratom.

(5) Il-konklużjoni mill-Kummissjoni, li taġixxi f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għandha tiġi approvata.

(6) Sabiex entitajiet legali Svizzeri jkunu jistgħu jiġu ttrattati bħal entitajiet minn Pajjiż Assoċjat fis-sejħiet tal-fissjoni skont il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, li għandhom skadenza fl-aħħar trimestru tal-2014, il-Ftehim għandu jiġi applikat b'effett mill-15 ta' Settembru 2014.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija huwa b'dan approvat.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1392/2014

tal-20 ta' Ottubru 2014

li jistabbilixxi pjan ta' rimi għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fil-Baħar Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu l-għan li progressivament jelimina r-rimi ta' ħut tas-sajd kollu tal-Unjoni permezz tal-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt għal qabdiet ta' speċi suġġetti għal limiti ta' qbid.

(2) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta pjanijiet ta' rimi permezz ta' att delegat għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri f'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

(3) Il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Malta u s-Slovenja għandhom interess dirett ta' ġestjoni tas-sajd fil-Baħar Mediterran. Dawk l-Istati Membri ppreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti ([2]) lill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Mediterran. Inkiseb kontribut xjentifiku minn korpi xjentifiċi rilevanti. F'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dawk il-miżuri fir-rakkomandazzjonijiet konġunti li jikkonformaw mal-Artikolu 15(6) ta' dak ir-Regolament biss għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

(4) Fir-rigward tal-Baħar Mediterran, l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi l-obbligu ta' ħatt l-art tal-qabdiet kollha ta' speċijiet li huma soġġetti għal limiti ta' qbid u wkoll għal qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi, kif definit fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 ([3]). Skont l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt l-art għandu japplika f'sajd pelaġiku żgħir, sajd pelaġiku kbir u sajd għal skopijiet industrijali mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015.

(5) Skont ir-rakkomandazzjoni konġunta, il-pjan ta' rimi għandu jkopri l-qabdiet tal-ispeċijiet kollha soġġetti għal daqsijiet minimi kif iddefinit fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 li jinqabdu f'sajd pelaġiku żgħir bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir pelaġiċi u/jew bit-tartaruni magħluqin fil-Baħar Mediterran mill-1 ta' Jannar 2015 (jiġifieri sajd għall-inċova, sardin, kavalli u sawrell).

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

([2]) "Discard management plan for Western Mediterranean Sea (GSAs 1-12 except for GSAs 3 and 4): joint recommendation agreed by fisheries directors of France, Spain and Italy", trażmess fit-2 ta' Lulju 2014; "Discard management plan in North Adriatic Sea (GSA 17): joint recommendation by Croatia, Italy and Slovenia", trażmess fil-25 ta' Ġunju 2014; "Greek discard plan for pelagic fisheries in Aegean Sea and Crete island (GSAs 22 and 23)", trażmess fit-30 ta' Ġunju 2014; "Joint recommendation to the European Commission for a specific discard plan for pelagic fisheries in Southern Adriatic Sea, Western and Eastern Ionian Seas (GSAs 18-19-20)", tranżmessa mill-Greċja u l-Italja fil-25 ta' Ġunju 2014; "Discard management plan for Malta and the South of Sicily (GSAs 15-16): joint recommendation agreed by Italy and Malta", trażmess fid-19 ta' Ġunju 2014.

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

(6) Biex jiġu evitati spejjeż sproporzjonati ta' ġestjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa u skont l-Artikolu 15(5)(c)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, huwa xieraq li tiġi stabbilita eżenzjoni *de minimis* mill-obbligu ta' ħatt l-art f'termini ta' perċentwali tal-qabdiet annwali totali ta' speċijiet suġġetti għall-obbligu tal-ħatt f'sajd pelaġiku żgħir. Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti mressqa mill-Istati Membri kkonċernati jappoġġjaw il-każ għal eżenzjoni *de minimis*, minħabba l-ispejjeż akbar fil-ġestjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa, kemm abbord (l-issortjar u t-tqegħid fil-kaxxi, il-ħażna u l-konservazzjoni) kif ukoll fuq l-art (it-trasport u l-ħażna, il-konservazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar jew il-qerda bħala skart speċjali), meta mqabbla mal-profitt ekonomiku limitat u li xi kultant ineżistenti li jista' jinkiseb minn dawk il-qabdiet mhux mixtieqa. L-evidenza pprovduta mill-Istati Membri ġiet analizzata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (KXTES) li kkonkluda li r-rakkomandazzjonijiet konġunti fihom argumenti motivati marbuta maż-żieda tal-ispejjeż fil-ġestjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa, sostnuta f'xi każijiet b'valutazzjoni kwalitattiva tal-ispejjeż ([1]). Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika differenti, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-eżenzjoni *de minimis* skont il-livelli ta' perċentwali proposti fir-rakkomandazzjonijiet konġunti u f'livelli li ma jaqbżux dawk permessi skont l-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013

(7) Skont ir-rakkomandazzjonijiet konġunti u b'kont meħud tal-qafas ta' żmien stipulat fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015. Skont l- Artikolu 15(6) ta' dak ir-Regolament, huwa għandu japplika għal mhux aktar minn 3 snin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jispeċifika d-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt, kif previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, mill-1 ta' Jannar 2015 fil-Baħar Mediterran, għall-qabdiet kollha ta' speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi ta' sajd ta' ħut pelaġiku żgħir stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "daqs minimu" tfisser l-iżgħar daqs ta' organiżmi tal-baħar kif stabbilit fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

"Baħar Mediterran" tfisser l-Ilmijiet Marittimi tal-Mediterran 'il-Lvant mil-linja 5° 36′ Punent;

(b) "Sub-Żona Ġeografika GFCM" tfisser is-subżona ġeografika tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) kif definit fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2])

(c) "Baħar Mediterran tal-Punent" tfisser Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11.1, 11.2, 12,

(d) "Baħar Adrijatiku tat-Tramuntana" tfisser is-Subżona Ġeografika tal-GFCM 17

(e) "Baħar Adrijatiku u Joniku tan-Nofsinhar" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 18, 19 u 20

(f) "Il-Gżira ta' Malta u n-Nofsinhar ta' Sqallija" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 15 u 16

(g) "Il-Baħar Eġew u l-Gżira ta' Kreta" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 22 u 23

([1]) Ir-rapport tas-46 laqgħa plenarja tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (PLEN-14-02), 7-11 ta' Lulju 2014, Kopenhagen, Edizzjoni Norman Graham, John Casey & Hendrik Doerner, 2014.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

Artikolu 3

Eżenzjoni *de minimis*

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantitajiet li ġejjin jistgħu jiġu skartati:

(a) fil-Baħar Mediterran tal-Punent, sa 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi żgħar fis-sajd pelaġiku bix-xibka tat-tkarkir u bit-tartaruni magħluqin kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness;

(b) fil-Baħar Adrijatiku tat-Tramuntana, sa 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi fis-sajd pelaġiku żgħir bix-xibka tat-tkarkir u bit-tartaruni magħluqin kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness;

(c) fl-Adrijatiku tan-Nofsinhar u l-Baħar Jonju:

(i) sa 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi fis-sajd pelaġiku żgħir bit-tartaruni magħluqin u

(ii) sa 7 % fl-2015 u 2016 u sa 6 % fl-2017 tal-qabdiet annwali totali ta' speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi fis-sajd pelaġiku żgħir bix-xibka tat-tkarkir u bit-tartaruni magħluqin, kif stipulat fil-punt 3 tal-Anness;

(d) fil-Gżira ta' Malta u n-Nofsinhar ta' Sqallija:

(i) sa 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi fis-sajd pelaġiku żgħir bit-tartaruni magħluqin; kif ukoll

(ii) sa 7 % fl-2015 u 2016 u sa 6 % fl-2017 tal-qabdiet annwali totali ta' speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi fis-sajd pelaġiku żgħir bix-xibka tat-tkarkir, kif stipulat fil-punt 4 tal-Anness;

(e) fil-Baħar Eġew u l-Gżira ta' Kreta, sa 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi fis-sajd pelaġiku żgħir bit-tartaruni magħluqin, kif stipulat fil-punt 5 tal-Anness.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

1. **Sajd pelaġiku żgħir fil-Baħar Mediterran tal-Punent**

Kodiċi	Rkaptu tas-sajd	Speċijiet fil-mira
[daħħal il-kodiċi fejn jap-plika]	xbieki tat-tkarkir pelaġiku	Inċova, sardin, kavalli u sawrell
[daħħal il-kodiċi fejn jap-plika]	tartarun magħluq	Inċova, sardin, kavalli u sawrell

2. **Sajd pelaġiku żgħir fil-Baħar Adrijatiku tat-Tramuntana**

Kodiċi	Rkaptu tas-sajd	Speċijiet fil-mira
[daħħal il-kodiċi fejn jap-plika]	xbieki tat-tkarkir pelaġiku	Inċova, sardin, kavalli u sawrell
[daħħal il-kodiċi fejn jap-plika]	tartarun magħluq	Inċova, sardin, kavalli u sawrell

3. **Sajd pelaġiku żgħir fl-Adrijatiku tan-Nofsinhar u l-Baħar Jonju**

Kodiċi	Rkaptu tas-sajd	Speċijiet fil-mira
[daħħal il-kodiċi fejn jap-plika]	xbieki tat-tkarkir pelaġiku	Inċova, sardin, kavalli u sawrell
[daħħal il-kodiċi fejn jap-plika]	tartarun magħluq	Inċova, sardin, kavalli u sawrell

4. **Sajd pelaġiku żgħir fil-Gżira ta' Malta u Nofsinhar ta' Sqallija**

Kodiċi	Rkaptu tas-sajd	Speċijiet fil-mira
[daħħal il-kodiċi fejn jap-plika]	xbieki tat-tkarkir pelaġiku	Inċova, sardin, kavalli u sawrell
[daħħal il-kodiċi fejn jap-plika]	tartarun magħluq	Inċova, sardin, kavalli u sawrell

5. **Sajd pelaġiku żgħir fil-Baħar Eġew u l-Gżira ta' Kreta**

Kodiċi	Rkaptu tas-sajd	Speċijiet fil-mira
[daħħal il-kodiċi fejn jap-plika]	tartarun magħluq	Inċova, sardin, kavalli u sawrell

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1393/2014

tal-20 ta' Ottubru 2014

li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd għal ħut pelaġiku fl-ilmijiet tal-Majjistral

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jimmira li jelimina b'mod progressiv ir-rimi fis-sajd kollu tal-Unjoni permezz tal-introduzzjoni ta' obbligu tal-ħatt għall-qabdiet ta' speċi li huma soġġetti għal limiti ta' qbid.

(2) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta pjanijiet għar-rimi permezz ta' att iddelegat għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin, fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati minn Stati Membri f'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

(3) Il-Belġju, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit għandhom interess dirett fl-immaniġġjar tas-sajd fl-ilmijiet tal-Majjistral. Dawn l-Istati Membri ssottomettew rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni wara konsultazzjoni tal-Kunsill Konsultattiv għall-Ħut Pelaġiku, il-Kunsill Konsultattiv ta' Distanza Twila u l-Kunsill Konsultattiv għall-ilmijiet tal-Majjistral. Inkisbet kontribuzzjoni xjentifika minn korpi xjentifiċi rilevanti. Inkiseb kontribut xjentifiku minn korpi xjentifiċi rilevanti. Il-miżuri inklużi fir-rakkomandazzjoni konġunta jikkonformaw mal-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

(4) Fir-rigward tal-ilmijiet tal-Majjistral, skont l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu tal-ħatt għandu japplika għall-bastimenti kollha involuti f'sajd għal ħut pelaġiku żgħir u f'sajd għal ħut pelaġiku kbir, fir-rigward ta' speċijiet maqbuda f'dan is-sajd, li huma soġġetti għal limiti ta' qbid mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2015.

(5) F'konformità mar-rakkomandazzjoni konġunta, il-pjan tar-rimi għandu jkopri ċertu sajd għal ħut pelaġiku żgħir u għal ħut pelaġiku kbir, jiġifieri sajd għall-kavalli, aringi, sawrell, stokkafixx, minfaħ, arġentina silus, alongi u laċċi koħol fiż-żoni Vb, VI u VII tal-ICES, mill-1 ta' Jannar 2015.

(6) Ir-rakkomandazzjoni konġunta tinkludi eżenzjoni mill-obbligu tal-ħatt għall-kavalli u l-aringi maqbuda bil-purse seine b'ċerti kundizzjonijiet ibbażati fuq evidenza xjentifika ta' rata għolja ta' sopravvivenza f'konformità mal-Artikolu 15(4)(b) tar- Regolament (UE) Nru 1380/2013. Evidenza xjentifika li tappoġġja sopravvivenza għolja ngħatat minn Scheveningen Group fir-rakkomandazzjoni konġunta għal pjan tar-rimi fil-Baħar tat-Tramuntana, li għamel referenza għal studju xjentifiku speċifiku dwar is-sopravvivenza tal-ħut li jinħeles wara s-sajd bil-purse seine. L-istudju sab li r-rati ta' sopravvivenza jiddependu fuq żmien l-iffullar u d-densità ta' ħut fix-xibka, li ġeneralment ikunu limitati f'dan it-tip ta' sajd. Din l-informazzjoni ġie analizzata mill-STECF. L-STECF ikkonkluda li, jekk wieħed iqis ir-riżultati ta' studju ta' sopravvivenza bħala rappreżentattivi tar-rati ta' sopravvivenza f'attivitajiet kummerċjali tas-sajd, il-proporzjon ta' superstiti tal-kavalli meħlusa x'aktarx li jkun ta' madwar 70 %. Id-densitajiet jista' wkoll ikunu aktar baxxi mid-densità fejn ġie osservat li l-mortalità tal-aringi żdiedet. Projbizzjoni tar-rilaxx ta' kavalli u aringi qabel ma x-xibka tittella' kompletament abbord bastiment tas-sajd, li twassal għal telf ta' ħut mejjet jew li jkun qed imut, hija stabbilita fl-Artikolu 19b(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 850/98 ([2]). Din l-eżenzjoni ta' sopravvivenzama ma taffettwax il-projbizzjoni fis-seħħ, peress li r-rilaxx tal-ħut iseħħ fi stadju tal-attività tas-sajd fejn il-ħut għandu rata ta' sopravvivenza għolja wara r-rilaxx. Għalhekk, din ir-rakkomandazzjoni ma ġietx inkluża f'dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1).

(7) Ir-rakkomandazzjoni konġunai fiha erba' eżenzjonijiet *de minimis* mill-obbligu tal-ħatt għal ċertu sajd u sa ċerti livelli. L-evidenza pprovduta mill-Istati Membri ġiet analizzata mill-STECF, li kkonkluda li r-rakkomandazzjonijiet konġunti fihom argumenti raġunati relatati maż-żieda tal-kostijiet marbuta mal-ittrattar tal-qabdiet mhux mixtieqa, sostnuti f'xi każijiet b'valutazzjoni kwalitattiva tal-ispejjeż. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-eżenzjonijiet *de minimis* skont il-livell perċentwali propost fir-rakkomandazzjoni konġunta u f'livelli mhux ogħla minn dawk permessi skont l-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(8) L-eżenzjoni *de minimis* għall-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*), sa massimu ta' 7 % fl-2015 u fl-2016, u 6 % fl-2017 tal-qabdiet annwali totali permissibbli b'bastiment tat-tkarkir industrijali għal ħut pelaġiku li jimmira għal dik l-ispeċi fiż-żona VIII tal-ICES u li jipproċessa dik l-ispeċi abbord biex jikseb bażi tas-surimi, hija bbażata fuq il-fatt li ma tistax tinkiseb selettività miżjuda u li l-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-qbid mhux mixtieq huwa sproporzjonat. L-STECF jikkonkludi li l-eżenzjoni hija argumentata tajjeb biżżejjed. Għalhekk, din ir-rakkomandazzjoni ma ġietx inkluża f'dan ir-Regolament.

(9) L-eżenzjoni *de minimis* għal massimu ta' 7 % fl-2015 u fl-2016 u 6 % fl-2017 għall-alongi (Thunnus alalunga) tal-qabdiet annwali totali permissibbli fis-sajd immirat għall-alongi bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-par fil-pelaġiku (PTM) fiż-żona VII tal-ICES hija bbażata fuq l-ispejjeż sproporzjonati tal-immaniġġjar tal-qabdiet mhux mixtieqa. Dawn huma l-ispejjeż tal-ħżin u tal-immaniġġjar fuq il-baħar u fuq ix-xatt. L-STECF, fl-evalwazzjoni tiegħu esprima r-riskju tas-selezzjoni kwalitattiva (highgrading). Madankollu, din l-eżenzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19a tar-Regolament 850/98. Għalhekk, din ir-rakkomandazzjoni ma ġietx inkluża f'dan ir-Regolament.

(10) Biex jiġu evitati spejjeż sproporzjonati marbuta mal-immaniġġjar ta' qabdiet mhux mixtieqa, bħall-ħżin, ix-xogħol, it-tkessiħ, u meta wieħed iqis id-diffikultà biex tiżdied is-selettività fis-sajd fil-pelaġiku u li jkollu fil-mira l-kavalli, is-sawrell u aringi fid-Diviżjoni ICES VIId, ir-rakkomandazzjoni konġunta tinkludi eżenzjoni *de minimis* mill-obbligu tal-ħatt għal dan is-sajd imħallat. Din l-eżenzjoni hija bbażata fuq evidenza xjentifika mogħtija mill-Istati Membri involuti fir-rakkomandazzjoni konġunta u ġiet riveduta mill-STECF. L-STECF sab li r-RK tippreżenta argumenti kwalitattivi motivati fl-appoġġ għal din l-eżenzjoni għal raġunijiet ta' spejjeż sproporzjonati tal-immaniġġjar ta' qabdiet mhux mixtieqa. Għalhekk, din l-eżenzjoni għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(11) L-eżenzjoni *de minimis* sa massimu ta' 1 % fl-2015 u 0,75 % fl-2016 tal-qabdiet totali permissibbli tal-minfaħ (*Caproidae*) fis-sajd għas-sawrell (*Trachurus* spp.) b'bastimenti bil-friża għal ħut pelaġiku li juża xibka tat-tkarkir pelaġika fiż-żoni VI u VII tal-ICES hija bbażata fuq id-diffikultà biex tiżdied is-selettività u l-ispejjeż proporzjonati tal-immaniġġjar (is-separazzjoni tal-qabdiet mixtieqa minn dawk mhux mixtieqa). L-STECF jikkonkludi li l-eżenzjoni hija appoġġjata minn argumenti kwalitattivi motivati dwar id-diffikultà tat-titjib tas-selettività f'dan is-sajd u argumenti raġonevoli rigward l-ispejjeż addizzjonali tal-immaniġġjar. Għalhekk, din ir-rakkomandazzjoni ma ġietx inkluża f'dan ir-Regolament.

(12) Sabiex jiġi żgurat kontroll xieraq, għandhom ikunu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi għad-dokumentazzjoni ta' qabdiet taħt l-eżenzjoni bbażati fuq il-kapaċità ta' sopravvivenza koperti b'dan ir-Regolament

(13) Peress li l-miżuri mogħtija f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbuta ma' u fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015 sabiex jikkonforma maż-żmien stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. F'konformità mal-Artikolu 15(6) tat-tali Regolament, dan ir-Reglament ma għandux japplika għal iktar minn 3 snin.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ambitu

Dan ir-Regolament jispeċifika d-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt, mogħti fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, mill-1 ta' Jannar 2015 fl-ilmijiet tal-Majjistral, kif definit fl-Artikolu 4(2)(c) ta' dak ir-Regolament, fis-sajd stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Eżenzjoni tas-sopravvivenza

(1) B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu tal-ħatt ma għandux japplika għal qabdiet ta' kavalli u aringi f'sajd bil-purse seiner fl-arja ICES VI, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

— il-qabda tiġi rilaxxata qabel jingħalaq ċertu perċentwal (stipulat fil-paragrafi 2 u 3 hawn taħt) tal-purse seine ("il-punt tal-ġbid"),

— l-irkaptu tas-sajd bil-purse seines ikun mgħammar b'bagi li jimmarkaw b'mod viżibbli il-limitu għall-punt tal-ġbid,

— il-bastiment u l-irkaptu tas-sajd bil-purse seine ikunu mgħammra b'sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u dokumentazzjoni dwar meta, fejn u kemm tintuża l-purse seine fl-attivitajiet tas-sajd kollha.

(2) Il-punt tal-ġbir ikun 80 % tal-għeluq tas-sajd bil-purse seine għall-kavalli u 90 % tal-għeluq tas-sajd bil-purse seines għall-aringi.

(3) Jekk il-qatgħa tkun tikkonsisti f'taħlita ta' dawn iż-żewġ speċi, il-punt tal-ġbir ikun 80 % tal-għeluq tas-sajd bil-purse seine.

(4) Huwa pprojbit li jiġu rilaxxati qabdiet ta' kavalli u aringi wara l-punt tal-ġbir.

(5) Il-qatgħa tal-ħut fil-mira jitteħdilha kampjun qabel tiġi rilaxxata sabiex tkun stmata l-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, il-kompożizzjoni tad-daqs tal-ħut u l-kwantità.

Artikolu 3

Eżenzjonijiet *de minimis*

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jintremew il-kwantitajiet li ġejjin:

(a) għall-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*), sa massimu ta' 7 % fl-2015 u fl-2016 u 6 % fl-2017, tal-qabdiet annwali totali permissibbli fis-sajd b'bastimenti industrijali tat-tkarkir għal ħut pelaġiku li għandu fil-mira tiegħu dik l-ispeċi fiż-żoni Vb, VI u VII tal-ICES u l-ipproċessar ta' dik l-ispeċi abbord biex tinkiseb bażi tas-surimi;

(b) sa massimu ta' 7 % fl-2015 u fl-2016 u 6 % fl-2017 għall-alongi (*Thunnus alalunga*) tal-qabdiet annwali totali fis-sajd immirat għall-alongi bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-par fil-pelaġiku (PTM) fiż-żoni tal-baħar VII tal-ICES;

(c) sa massimu ta' 3 % f'2015 u 2 % għall-2016 tal-qabdiet totali annwali tal-kavalli (*Scomber scombrus*), sawrell (*Trachurus* spp.), aringi (*Clupea harengus*) u merlangi (*Merlangius merlangus*) fis-sajd fil-pelaġiku b'bastimenti tat-tkarkir fil-pelaġiku sa 25 metru fit-tul b'kollox, bl-użu ta' xibka tat-tkarkir pelaġika (OTM), li għandu fil-mira tiegħu kavalli, sawrell u aringi fiż-żona VIId tal-ICES;

(d) sa massimu ta' 1 % fl-2015 u 0,75 % fl-2016 tal-qabdiet totali permissibbli tal-minfaħ (*Caproidae*) fis-sajd għas-sawrell (*Trachurus* spp.) b'bastiment tat-tkarkir għal ħut pelaġiku bil-friża li juża xbieki tat-tkarkir pelaġiku fiż-żoni VI u VII tal-ICES.

Artikolu 4

Dokumentazzjoni tal-qabdiet

Il-kwantitajiet ta' ħut rilaxxat taħt l-eżenzjoni prevista fl- Artikolu 2 u r-riżultati tal-kampjuni meħtieġa skont l-Artikolu 2(5) għandhom jiġu rrappurtati fil-ġurnal ta' abbord.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ il-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

Sajd suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jimplimenta l-obbligu tal-ħatt

1. **Sajd fiż-żoni tal-ICES Vb, VIa, VIb**

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd tal-pelaġiku	L-ispeċijiet fil-mira tal-kwota
OTB	Għażel tat-tkarkir fil-qiegħ	Kavalli, aringi, sawrell, stokkafixx, minfaħ, arġentina
OTM	Għażel tat-tkarkir fil-pelaġiku, oħrajn	Kavalli, aringi, sawrell, stokkafixx, minfaħ, arġentina
PTB	Xbieki tat-tkarkir fil-qiegħ tal-par (oħrajn)	Kavalli
PTM	Xbieki tat-tkarkir tal-par — fil-pelaġiku	Aringi, kavalli
PS	Purse seines	Kavalli, stokkafixx
LMH	Xlief	Kavalli
LTL	Tas-sajd bir-rixa	Kavalli

2. **Sajd fiż-żoni tal-ICES VII (esklużi ż-żoni ICES VIIa, VIId u VIIe)**

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd tal-pelaġiku	L-ispeċijiet fil-mira tal-kwota
LMH	Xlief	Kavalli
LTL	Konz tat-tirjix, xlief u bastu	Alongi
PTM	Xbieki tat-tkarkir tal-par — fil-pelaġiku	Stokkafixx, kavalli, sawrell, alongi, minfaħ, aringi
OTM	Għażel tat-tkarkir — fil-pelaġiku	Stokkafixx, kavalli, sawrell, alongi, minfaħ, aringi
OTB	Għażel tat-tkarkir — fil-qiegħ	Aringi
PS	Purse seines	Kavalli, sawrell

3. **Sajd fiż-żoni tal-ICES Vb, VIa, VIb**

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd tal-pelaġiku	L-ispeċijiet fil-mira tal-kwota
OTB	Għażel tat-tkarkir (mhux speċifikat)	Laċċ ikħal
GND	Għażel tat-tisqif	Kavalli, aringi
LMH	Xlief u bastu	Kavalli
OTM	Għażel tat-tkarkir — fil-pelaġiku (oħrajn)	Laċċ ikħal, sawrell, kavalli, aringi, minfaħ
PTM	Xbieki tat-tkarkir tal-par — fil-pelaġiku (oħrajn)	Sawrell
PS	Purse seines	Kavalli, sawrell

4. **Is-sajd fiż-żona tal-ICES VIIa**

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd tal-pelaġiku	L-ispeċijiet fil-mira tal-kwota
OTM	Għażel tat-tkarkir — fil-pelaġiku	Aringi
PTM	Xbieki tat-tkarkir tal-par — fil-pelaġiku	Aringi
LMH	Xlief	Kavalli
LMH	Għażel tat-tisqif	Aringi

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1394/2014

tal-20 ta' Ottubru 2014

li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd għal ħut pelaġiku fl-ilmijiet tal-Lbiċ

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) and (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu l-għan li jelimina progressivament ir-rimi fis-sajd kollha fl-Unjoni permezz tal-introduzzjoni tal-obbligu tal-ħatt għal qabdiet ta' speċi soġġetti għal limiti ta' qabdiet.

(2) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta pjanijiet għar-rimi permezz ta' atti delegati għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

(3) Il-Belġju, Spanja, Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Portugall għandhom interess dirett l-immaniġġjar tas-sajd fl-ilmijiet tal-Lbiċ. Dawk l-Istati Membri ssottomettew rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni li fiha miżuri speċifiċi, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv Pelaġiku, il-Kunsill Konsultattiv għal Distanza Twila u mal-Kunsill Konsultattiv dwar l-ilmijiet tal-Lbiċ. Il-kontribut xjentifiku nkiseb minn korpi xjentifiċi rilevanti. Il-miżuri inklużi fir-rakkomandazzjoni konġunta huma konformi mal-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għal-hekk, skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

(4) Fir-rigward tal-ilmijiet tal-Lbiċ, skont l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu tal-ħatt għandu japplika għall-bastimenti kollha involuti f'sajd għal ħut pelaġiku żgħir u kbir fir-rigward ta' speċijiet maqbuda f'dak is-sajd, li huwa soġġett għal limitu ta' qbid mill-inqas mill-1 ta' Jannar 2015.

(5) Skont ir-rakkomandazzjoni konġunta, il-pjan għar-rimi għandu jkopri ċertu sajd għal ħut pelaġiku żgħir u kbir, jiġifieri s-sajd għas-sawrell, kavalli, sprat, inċova, alongi, u kavalli ż-żgħar f'żoni VIII, IX u X tal-ICES u f'żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tas-CECAF mill-1 ta' Jannar 2015.

(6) Ir-rakkomandazzjoni konġunta tinkludi eżenzjoni mill-obbligu tal-ħatt għall-inċova, sawrell, kavalli ż-żgħar u kavalli maqbuda f'sajd bil-purse seine fiż-żoni VIII, IX u X tal-ICES u ż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2 tas-CECAF, abbażi ta' evidenza xjentifika ta' sopravvivenza għolja, skont l-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. L-evidenza xjentifika li tappoġġja s-sopravviveza għolja kienet mogħtija fir-Rakkomandazzjoni Konġunta, li għamlet referenza għal studju xjentifiku speċifiku dwar is-sopravvivenza tal-ħut li jaħrab waqt sajd bil-purse seine fl-ilmijiet Ewropej tal-Lbiċ. L-istudju sab li r-rati ta' sopravvivenza jiddependu fuq il-"crowding time" u d-densità tal-ħut fix-xibka, li huma normalment limitati f'dan is-sajd. Din l-informazzjoni ġiet riveduta mill-STECF (fit-tieni laqgħa plenarja tiegħu fl-2014). L-STECF ikkonkluda li, jekk wieħed jassumi li r-riżultati tal-istudju dwar is-sopravvivenza huma rappreżentatattivi tar-rati ta' sopravvivenza f'attivitajiet ta' sajd kummerċjali, il-proporzjon ta' sopravvivenza ta' ħut maħrub probabbilment ikun ogħla minn 50 %. Il-projbizzjoni tar-rilaxx tal-kavalli u l-aringi qabel ma x-xibka tittella' kollha abbord il-bastiment tas-sajd, li tirriżulta fit-telf ta' ħut mejjet jew li jkun qed imut, hija stabbilita fl-Artikolu 19(b)(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 ([2]). Din l-eżenzjoni ta' sopravvivenza ma taffettwax il-projbizzjoni fis-seħħ, minħabba li r-rilaxx tal-ħut se jseħħ fi stadju tal-operazzjoni tas-sajd meta l-ħut ikollhom rata għolja ta' sopravvivenza wara r-rilaxx. Għalhekk din l-eżenzjoni għandha tkun inkluża f'dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1).

(7) Ir-rakkomandazzjoni konġunta tinkludi wkoll erba' eżenzjonijiet *de minimis* mill-obbligu tal-ħatt għal xi sajd u sa xi livelli. L-evidenza mogħtija mill-Istati Membri kienet riveduta mill-STECF, li kkonkluda li r-rakkomandazzjonijiet konġunti kienu jinkludu argumenti raġunati relatati maż-żieda fl-ispejjeż fil-maniġġ ta' qabdiet mhux mixtieqa, appoġġjati f'xi każijiet minn valutazzjoni kwalitattiva tal-ispejjeż. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika differenti, huwa xieraq li jkunu stabbiliti eżenzjonijiet *de minimis* skont il-livell ta' perċentwal propost fir-rakkomandazzjoni konġunta u f'livelli li ma jaqbżux dawk permessi skont l-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(8) L-eżenzjoni *de minimis* għal stokkafixx (*Micromesistius poutassou*), sa massimu ta' 7 % fl-2015 u l-2016, u 6 % fl-2017, tal-qabdiet totali annwali tas-sajd għal ħut pelaġiku bit-tkarkir immirat għal dawk l-ispeċi fiż-żona VIII tal-ICES u l-ipproċessar ta' dawk l-ispeċi biex tinkiseb bażi ta' surimi, hija bbażata fuq il-fatt li ż-żieda fis-selettività ma tistax tinkiseb, u li l-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-qabdiet mhux mixtieqa huma sproporzjonati. L-STECF ikkonkluda li hemm biżżejjed argumenti tajbin dwar l-eżenzjoni. Għalhekk, l-eżenzjoni kkonċernata għandha tkun inkluża f'dan ir-Regolament.

(9) L-eżenzjoni *de minimis* sa massimu ta' 7 % fl-2015 u l-2016, u 6 % fl-2017 għall-alongi (*Thunnus alalunga*) tal-qabdiet totali annwali f'sajd għall-alongi bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-par fil-pelaġiku (PTM) fiż-żona VIII tal-ICES, hija bbażata fuq l-ispejjeż sproporzjonati tal-immaniġġjar tal-qabdiet mhux mixtieqa. Dawn huma spejjeż għall-ħażna u l-immaniġġjar fil-baħar u fuq ix-xatt. L-STECF fl-evalwazzjoni tiegħu semma' r-riskju tal-highgrading. Madankollu, din l-eżenzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19(a) tar-Regolament (KE) Nru 850/98. Għalhekk, l-eżenzjoni kkonċernata għandha tkun inkluża f'dan ir-Regolament.

(10) L-eżenzjoni *de minimis* sa massimu ta' 5 % fl-2015 u l-2016, u 4 % fl-2017, tal-qabdiet totali annwali f'sajd għal ħut pelaġiku bit-tkarkir għall-inċova (Engraulis encrasicolus), il-kavalli (Scomber scombrus) u s-sawrell (Trachurus spp.) fiż-żona VIII tal-ICES hija bbażata fuq id-diffikultà li titjieb is-selettività f'dan is-sajd. L-STECF ikkonkluda li hemm argumenti tajbin għal eżenzjoni għall-kavalli u l-kavalli ż-żgħar u jinnota riskju parzjali għall-highgrading għall-inċova. Din l-eżenzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19(a) tar-Regolament (KE) Nru 850/98. Għalhekk, l-eżenzjoni kkonċernata għandha tkun inkluża fir-Regolament.

(11) Eżenzjoni *de minimis* finali għal-sajd bil-purse seine fiż-żoni VIII, IX u X tal-ICES u ż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tas-CECAF li jimmiraw għall-ispeċi li ġejjin: sa massimu ta' 5 % fl-2015 u l-2016, u 4 % fl-2017, tal-qabdiet totali annwali tas-sawrell (*Trachurus* spp.) u l-kavalli (*Scomber scombrus*); u sa massimu ta' 2 % fl-2015 u l-2016, u 1 % fl-2017, tal-qabdiet totali annwali tal-inċova (*Engraulis encrasicolus*). L-STECF ikkonkluda li din l-eżenzjoni hija appoġġjata minn argumenti raġunati li juru d-diffikultajiet biex titjieb is-selettività f'dan is-sajd. Għalhekk, l-eżenzjoni kkonċernata għandha tkun inkluża f'dan ir-Regolament.

(12) Finalment, ir-rakkomandazzjoni konġunta tinkludi daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni (MCRS) ta' 9 ċentimetri għal żewġ sajdiet għall-inċova bil-għan li tiżgura l-protezzjoni taż-żgħar ta' dik l-ispeċi. L-STECF evalwa din il-miżura u kkonkluda li din ma jkollhiex impatt negattiv fuq iż-żgħar tal-inċova, li din se żżid il-livell ta' qabdiet li jistgħu jinbiegħu għall-konsum mill-bniedem mingħajr ma żżid il-mortalità tal-ħut, u li jista' jkollha benefiċċji għall-kontroll u l-infurzar. Għalhekk, l-MCRS għall-inċova fis-sajd ikkonċernat għandu jkun iffissat għal 9 ċentimetri.

(13) Minħabba li l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbuta ma', u l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015 biex ikun konformi mal-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. B'mod konformi mal-Artikolu 15(6) ta' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu japplika għal mhux iktar minn 3 snin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ambitu

Dan ir-Regolament jispeċifika d-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt, kif hemm ipprovdut fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, mill-1 ta' Jannar 2015 fl-ilmijiet tal-Lbiċ, kif definit fl-Artikolu 4(2)(d) ta' dak ir-Regolament, fis-sajd stabbilit fl-Anness għal dak ir-Regolament.

Artikolu 2

Eżenzjoni ta' sopravvivenza

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu tal-ħatt ma għandux japplika għal qabdiet ta' inċova, sawrell, kavalli żgħar u kavalli f'sajd artiġjanali bil-purse seine. Dawn il-qabdiet jistgħu jiġu rilaxxati jekk ix-xibka ma tittellax kollha abbord.

Artikolu 3

Eżenzjonijiet de minimis

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (EU) Nru 1380/2013, il-kwanitatijiet li ġejjin jistgħu jintremew:

(a) għall-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*), sa massimu ta' 7 % fl-2015 u l-2016, u 6 % fl-2017, tal-qabdiet totali annwali tas-sajd industrijali bit-tkarkir għal ħut pelaġiku immirat għal dawk l-ispeċi fiż-żona VIII tal-ICES u l-ipproċessar ta' dawk l-ispeċi abbord biex tinkiseb bażi ta' surimi;

(b) sa massimu ta' 7 % fl-2015 u l-2016, u 6 % fl-2017 għall-alongi (*Thunnus alalunga*) tal-qabdiet totali annwali fis-sajd dirett lejn alongi bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-par fil-pelaġiku (PTM) fiż-żona VIII tal-ICES;

(c) sa massimu ta' 5 % fl-2015 u l-2016, u 4 % fl-2017, tal-qabdiet totali annwali fis-sajd bix-xbieki tat-tkarkir fil-pelaġiku għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), il-kavalli (*Scomber scombrus*) s-sawrell (*Trachurus* spp.) fiż-żona VIII tal-ICES;

(d) Fis-sajd bil-purse seine fiż-żoni VIII, IX u X tal-ICES u ż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tas-CECAF li jimmiraw l-ispeċijiet li ġejjin: sa massimu ta' 5 % fl-2015 u l-2016, u 4 % fl-2017, tal-qabdiet totali annwali tas-sawrell (*Trachurus* spp.) u l-kavalli (*Scomber scombrus*); u sa massimu ta' 2 % fl-2015 u l-2016, u 1 % fl-2017, tal-qabdiet totali annwali tal-inċova (*Engraulis encrasicolus*).

Artikolu 4

Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni

Id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) maqbuda fis-sub-żona IX tal-ICES u ż-żona 34.1.2 tas-CECAF għandu jkun ta' 9 ċentimetri.

Artikolu 5

Dħul fis-Seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

Sajd suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jimplimenta l-obbligu tal-ħatt

1. Sajd fiż-żona tal-ICES VIII:

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd tal-pelaġiku	L-ispeċijiet fil-mira tal-kwota
PS	Purse seines	Sawrell, kavalli, laċċ ikħal, inċova
PTM	Xbieki tat-tkarkir tal-par — fil-pelaġiku	Sawrell, kavalli, inċova, alongi
OTM	Għażel tat-tkarkir — fil-pelaġiku	Sawrell, kavalli, inċova, alongi, stokkafixx
LHM/LTL/BB	Xlief u bastu (mekkanizzati), dgħajjes tal-lixka, konz tat-tirjix	Alongi, kavalli

2. Sajd fiż-żona tal-ICES XX:

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd tal-pelaġiku	L-ispeċijiet fil-mira tal-kwota
PS	Purse seines	Sawrell, kavalli, inċova
LHM/LTL/BB	Xlief u bastu (mekkanizzati), dgħajjes tal-lixka, konz tat-tirjix	Alongi, kavalli
LL	Konz	Alongi
GND/SB	Sajd artiġjanali	Sawrell

3. Sajd fiż-żona tal-ICES X:

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd tal-pelaġiku	L-ispeċijiet fil-mira tal-kwota
LHP/BB	Dgħajjes tal-lixka	Alongi
LLD	Konz	Alongi
PS	Sajd artiġjanali bil-purse-seine	Sawrell tat-tip jack mackerel

4. Is-sajd f'żoni tas-CECAF 34.1.1, 34.1.2, 34.2.0:

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd tal-pelaġiku	L-ispeċijiet fil-mira tal-kwota
PS	Purse seines	Sawrell tat-tip jack mackerel
LHP/BB	Xlief, dgħajjes tal-lixka u kon tat-tirjix (imħaddma bl-idejn)	Alongi
LLD	Konz	Alongi

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1395/2014

tal-20 ta' Ottubru 2014

li jistabbilixxi pjan għall-iskartar tal-ħut għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir u ċertu sajd għal skopijiet industrijali fil-Baħar tat-Tramuntana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu l-għan li jelimina progressivament l-iskartar tal-ħut mis-sajd kollu tal-Unjoni permezz tal-introduzzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li huma suġġetti għal limiti fuq il-qbid.

(2) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta pjanijiet għall-ħut skartat permezz ta' att delegat għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin, fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

(3) Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja u r-Renju Unit għandhom interess dirett fil-ġestjoni tas-sajd fil-Baħar tat-Tramuntana. Dawk l-Istati Membri ssottomettew rakkomandazzjonijiet konġunti lill-Kummissjoni wara li kkonsultaw lill-Kunsill Konsultattiv dwar is-sajd ta' ħut pelaġiku u lill-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana. Inkiseb kontribut xjentifiku mill-korpi xjentifiċi rilevanti. Il-miżuri inklużi fir-rakkomandazzjoni konġunta jikkonformaw mal-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għalhekk, skont l-Artikolu 18(3) tal-istess Regolament, dawn għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

(4) Fir-rigward tal-Baħar tat-Tramuntana, skont l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt l-art għandu japplika għall-bastimenti kollha involuti fis-sajd ta' ħut pelaġiku żgħir u fis-sajd għal skopijiet industrijali għall-ispeċijiet maqbudin waqt l-attivitajiet tas-sajd li huma suġġetti għal limiti fuq il-qbid mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015.

(5) Skont ir-rakkomandazzjoni konġunta, il-pjan għall-iskartar tal-ħut għandu jkopri ċerti tipi ta' sajd għall-kavalli, l-aringi, is-sawrell, l-istokkafixx, l-arġentina silus u l-laċċ ikħal kif ukoll is-sajd għal skopijiet industrijali għall-merluzz tan-Norveġja, il-laċċ ikħal u ċ-ċiċċirell fil-Baħar tat-Tramuntana mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem.

(6) Ir-rakkomandazzjoni konġunta tinkludi eżenzjoni mill-obbligu tal-ħatt l-art għall-kavalli u l-aringi maqbudin bix-xbieki tas-sajd f'ċerti kundizzjonijiet, ibbażata fuq evidenza xjentifika ta' rata għolja ta' sopravivenza, skont l-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. L-evidenza xjentifika li tappoġġa r-rata għolja ta' sopravivenza fir-rakkomandazzjoni konġunta ġiet ipprovduta mill-Grupp Scheveningen, u din ir-rakkomandazzjoni tirreferi għal għadd ta' studji xjentifiċi dwar is-sopravivenza tal-ħut meħlus meta dan jinqabad waqt is-sajd bil-purse seine. Dawn l-istudji sabu li r-rati ta' sopravivenza tal-ħut jiddependu fuq iż-żmien tal-iffullar u d-densità tal-ħut fix-xibka, li ġeneralment ikunu limitati f'dan it-tip ta' sajd. Din l-informazzjoni ġiet analizzata waqt is-sessjoni plenarja tal-STECF bin-numru 14-02. L-STECF ikkonkluda li jekk wieħed jassumi li r-riżultati tal-istudji tas-sopravivenza huma rappreżentattivi tar-rati tas-sopravivenza fl-operazzjonijiet tas-sajd kummerċjali, il-proporzjon ta' kavalli meħlus li jibqa' ħaj probabbilment ikun ta' madwar 70 % u jirriżulta f'densitajiet ħafna anqas mid-densità li fiha ġie nnutat li l-mortalità tal-aringi tiżdied. Il-projbizzjoni fuq ir-rilaxx tal-kavalli u tal-aringi qabel ma x-xibka tittella' kompletament abbord bastiment tas-sajd, li jwassal biex il-ħut mejjet jew il-ħut li jkun qed imut jintilef, hija stipulata fl-Artikolu 19b(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 850/98 ([2]). Din l-eżenzjoni bbażata fuq ir-rata ta' sopravivenza ma taffettwax il-projbizzjoni fis-seħħ, billi l-ħut se jiġi rrilaxxat fi stadju tal-operazzjoni tas-sajd fejn ikollu rata għolja ta' sopravivenza wara r-rilaxx. Għalhekk, din l-eżenzjoni għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(7) Ir-rakkomandazzjoni konġunta tinkludi wkoll eżenzjoni *de minimis* mill-obbligu ta' ħatt l-art biex jiġu evitati spejjeż sproporzjonati tal-ipproċessar tal-qabdiet mhux mixtieqa, bħall-ispejjeż tal-ħżin, tax-xogħol u tat-tkessiħ, li tqis id-diffikultà biex tiżdied is-selettività għas-sajd tal-ħut pelaġiku li jkollu fil-mira l-kavalli, is-sawrell u l-aringi fiż-żoni IVb u c tal-ICES li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 54 grad tat-Tramuntana. Din l-eżenzjoni hija bbażata fuq

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.
([2]) ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1.

evidenza xjentifika pprovduta mill-Istati Membri involuti fir-rakkomandazzjoni konġunta u ġiet analizzata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). L-STECF sab li r-rakkomandazzjoni konġunta tippreżenta argumenti kwalitattivi motivati favur eżenzjoni *de minimis* fuq il-bażi tal-ispejjeż sproporzjonati tal-ipproċessar tal-qabdiet mhux mixtieqa. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika differenti, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-eżenzjoni *de minimis* skont il-livelli tal-perċentwali proposti fir-rakkomandazzjonijiet konġunti u f'livelli li ma jkunux ogħla minn dawk permessi skont l-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għalhekk, din l-eżenzjoni għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(8) Sabiex jiġi żgurat kontroll xieraq, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi għad-dokumentazzjoni tal-qabdiet li jaqgħu taħt l-eżenzjonijiet koperti minn dan ir-Regolament.

(9) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbutin mal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-ippjanar ta' dan l-istaġun tas-sajd, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

(10) Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015 sabiex jikkonforma mal-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Skont l-Artikolu 15(6) ta' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu japplika għal mhux aktar minn tliet snin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jispeċifika d-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, mill-1 ta' Jannar 2015 fil-Baħar tat-Tramuntana, kif iddefinit fl-Artikolu 4(2)(a) ta' dak ir-Regolament, fiż-żoni tas-sajd stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Eżenzjoni bbażata fuq il-rata ta' sopravivenza

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu tal-ħatt l-art ma għandux japplika għall-kavalli u l-aringi maqbudin waqt l-attivitajiet tas-sajd bil-purse seine, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

— il-qabda tiġi rrilaxxata qabel ma jingħalaq ċertu perċentwal tal-purse seine (stipulat fil-paragrafi 2 u 3 t'hawn taħt) ("il-punt ta' rkupru"),

— il-purse seine jkun mgħammar b'baga li tidher li turi biċ-ċar il-limitu tal-punt ta' rkupru,

— il-bastiment u l-purse seine ikunu mgħammrin b'sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u dokumentazzjoni li tirreġistra meta, fejn u sa liema punt ikun ġie rmunkat il-purse seine għall-operazzjonijiet tas-sajd kollha.

2. Il-punt ta' rkupru għandu jkun meta l-purse seine ikun 80 % magħluq fil-każ tas-sajd għall-kavalli u meta dan ikun 90 % magħluq fil-każ tas-sajd għall-aringi.

3. Jekk il-ħut imdawwar ikun jikkonsisti f'taħlita taż-żewġ speċijiet, il-punt ta' rkupru għandu jkun meta l-purse seine ikun 80 % magħluq.

4. Ir-rilaxx tal-qabdiet tal-kavalli u tal-aringi wara l-punt ta' rkuprurata għandu jkun ipprojbit.

5. Qabel ir-rilaxx, għandu jittieħed kampjun tal-ħut imdawwar sabiex jiġu stmati l-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, il-kompożizzjoni tad-daqs tal-ħut u l-kwantità tal-ħut.

Artikolu 3

Eżenzjoni *de minimis*

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati sa massimu ta' 3 % fl-2015 u ta' 2 % fl-2016 tal-qabdiet annwali totali ta' kavalli, sawrell, aringi u merlangu maqbudin waqt l-attivitajiet tas-sajd ta' ħut pelaġiku b'bastimenti tat-tkarkir għas-sajd ta' ħut pelaġiku li jkunu twal sa 25 metru b'kollox, li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-fond nofsani (OTM) u li jkollhom fil-mira l-kavalli, is-sawrell u l-aringi fiż-żoni IVb u c tal-ICES li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 54 grad tat-Tramuntana.

Artikolu 4

Dokumentazzjoni tal-qabdiet li jaqgħu taħt l-eżenzjonijiet

1. Il-kwantitajiet ta' ħut irrilaxxat taħt l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 2 u r-riżultati tat-teħid tal-kampjuni meħtieġ skont l-Artikolu 2(5) għandhom jiġu rrappurtati fil-ġurnal ta' abbord.

2. Il-kwantitajiet ta' ħut skartat skont l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 3 għandhom jiġu rrappurtati fil-ġurnal ta' abbord.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

1. Sajd pelaġiku żgħir fiż-żona ICES IIIa (Skagerrak u Kattegat):

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd pelaġiku	Speċijiet fil-mira
OTM u PTM	Xibka tat-tkarkir pelaġika u xibka tat-tkarkir tan-nofs fond tal-par	Aringi, kavalli, stokkafixx, sawrell, laċċ ikħal (għall-konsum mill-bniedem)
PS	Purse Seine	Aringi, kavalli, laċċ ikħal (għall-konsum mill-bniedem)
OTB u PTB (1)	Xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti u xibka tat-tkarkir tal-par tal-qiegħ	Aringi, kavalli, laċċ ikħal (għall-konsum mill-bniedem)
GNS u GND (2)	Għeżula ankrati (fissi) u għeżula (mitluqa)	Kavalli, aringi
LLS, LHP u LHM	Lenzi twal fissi, xlief tal-idejn u xlief tal-qasba (operati bl-idejn) u xlief tal-idejn u xlief tal-qasba (mekkanizzati)	Kavalli
MIS	Irkaptu differenti, inklużi nases, trappoli u xbieki tal-għadajjar	Kavalli, aringi, laċċ ikħal (għall-konsum mill-bniedem)

(1) Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti u xbieki tat-tkarkir tal-par tal-qiegħ b'malji ta' daqs < 70 mm
(2) Malji ta' daqs 50 – 99 mm

2. Sajd pelaġiku żgħir fiż-żona ICES IV (il-Baħar tat-Tramuntana).

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd pelaġiku	Speċijiet tal-kwota fil-mira
OTM u PTM	Xibka tat-tkarkir pelaġika u xibka tat-tkarkir tan-nofs fond tal-par (inkluż. TR3)	Aringi, kavalli, sawrell, arġentina silus, stokkafixx, laċċ ikħal (għall-konsum mill-bniedem)
PS	Purse seines	Aringi, kavalli, sawrell, stokkafixx
GNS u GND (1)	Għeżula ankrati (fissi) u għeżula (mitluqa)	Kavalli, aringi
GTR	Pariti	Kavalli
LLS, LHP u LHM	Lenzi twal fissi, xlief tal-idejn u xlief tal-qasba (operati bl-idejn) u xlief tal-idejn u xlief tal-qasba (mekkanizzati)	Kavalli
MIS	Irkaptu differenti, inklużi nases, trappoli u xbieki tal-għadajjar	Aringi, laċċ ikħal (għall-konsum mill-bniedem)

(1) Malji ta' daqs 50 – 90 mm

3. Sajd ieħor li għalih jintużaw bastimenti li jistadu speċi pelaġiċi żgħar imsemmija fl-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li mhumiex koperti mill-punti 1 u 2 ta' dan l-Anness.

4. Sajd għal skopijiet industrijali fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni ICES IIIa u IV:

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd	Speċijiet tal-kwota fil-mira
Kull xibka tat-tkarkir	Xibka tat-tkarkir b'malji ta' daqs inqas minn 32 mm	Ċiċċirell, laċċ ikħal, merluzz tan-Norveġja
PS	Purse seines	Ċiċċirell, laċċ ikħal, merluzz tan-Norveġja

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1396/2014

tal-20 ta' Ottubru 2014

li jwaqqaf pjan ta' skartar fil-Baħar Baltiku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tagħha,

Billi:

(1) L-għan tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa li bil-mod il-mod jelimina l-iskartar tal-ħut fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni ta' obbligu ta' żbark għall-qabdiet ta' speċijiet li huma suġġetti għal-qbid limitat.

(2) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-pjanijiet ta' skartar permezz ta' att delegat għal perjodu ta' mhux aktar minn 3 snin fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

(3) Id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja u l-Isvezja għandhom interess dirett ta' maniġġar fil-Baħar Baltiku. Dawn l-Istati Membri ressqu rakkomandazzjoni konġunta ([2]) lill-Kummissjoni, wara li kkonsultaw mal-Kunsill Konsultattiv dwar il-Baħar Baltiku. Inkisbet kontribuzzjoni xjentifika mill-korpi xjentifiċi rilevanti. Il-miżuri li ddaħħlu fir-rakkomandazzjoni konġunta jikkonformaw mal-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għaldaqstant, b'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandhom jiddaħħlu f'dan ir-Regolament.

(4) Skont l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu tal-iżbark għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015 għall-qabdiet tal-ispeċijiet li huma suġġetti għal qbid limitat li jinqabdu f'żoni tas-sajd żgħar pelaġiċi, li huma żoni tas-sajd fejn jinstadu l-aringa u l-laċċa kaħla u f'żoni tas-sajd għal skopijiet industrijali. Għandu japplika wkoll għal dan it-tip ta' qabdiet fiż-żoni tas-sajd fejn jinstad is-salamun mhux aktar tard minn din id-data. Il-bakkaljaw huwa meqjus bħala speċi li tiddefinixxi ċerti żoni tas-sajd fil-Baħar Baltiku. Il-barbun tat-tbajja jinqabad l-iktar bħala qabda sekondarja f'ċerti żoni tas-sajd tal-bakkaljaw u huwa suġġett għal qbid limitat. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 15(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu tal-iżbark għandu japplika għall-bakkaljaw mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015 u għall-barbun tat-tbajja, mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2017. Għalhekk, skont ir-rakkomandazzjoni konġunta, dan il-pjan ta' skartar għandu jkopri l-qabdiet kollha ta' aringa u laċċa kaħla, salamun, bakkaljaw u barbun tat-tbajja fiż-żoni tas-sajd fil-Baħar Baltiku mill-1 ta' Jannar 2015 jew mill-1 ta' Jannar 2017 kif rilevanti.

(5) Ir-rakkomandazzjoni konġunta fiha eżenzjoni mill-obbligu tal-iżbark għas-salamun u l-bakkaljaw li jinqabdu fix-xbieki tad-tidwir, fil-kavetti, fix-xbieki fyke u fix-xbieki nases (pound nets). Din l-eżenzjoni hija bbażata fuq evidenza xjentifika ta' livell għoli ta' sopravvivenza, li ngħatat mill-Forum dwar is-Sajd fil-Baltiku (BALTFISH) u analizzata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku dwar is-Sajd (STECF). L-STECF josserva li l-biċċa l-kbira tal-informazzjoni meħtieġa biex jiġu ġġustifikati dawn l-eżenzjonijiet tinsab fir-rakkomandazzjoni konġunta tal-BALTFISH ([3]). L-STECF ikkonkluda li billi dawn it-tipi ta' armar jaħdmu billi jaqbdu l-ħut fi struttura statika ta' xbieki, u mhux, pereżempju, billi l-ħut jitgħaqqad f'xibka jew jibla' ganċ, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li b'dawn it-tipi ta' apparat il-mortalità tkun baxxa, tipikament inqas minn 10 %. Madankollu, l-STECF ta l-parir li għandu jsir aktar xogħol biex jiġi kkonfermat li dan il-ħsieb huwa validu, dwar il-prattiki ta' maniġġar, u dwar il-kundizzjonijiet ambjentali prevalenti. Għalhekk, l-eżenzjoni kkonċernata għandha tiddaħħal f'dan ir-Regolament.

(6) Skont l-Artikolu 15(10) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu stabbiliti daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni biex jiżguraw il-protezzjoni ta' organiżmi marini li għadhom qed jikbru. Fil-preżent, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 ([4]), japplika daqs minimu ta' 38 cm għall-bakkaljaw. L-evidenza xjentifika analizzata mill-STECF issostni l-istabbiliment ta' 35 cm bħala daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-bakkaljaw. B'mod partikolari, l-STECF ikkonkluda li jista' jkun hemm raġunijiet bijoloġiċi tajbin li d-daqs minimu attwali ta' 38 cm jitnaqqas biex jitnaqqsu l-livelli attwali ta' skartar. Huwa kkonkluda wkoll li skont

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.
([2]) "BALTFISH High Level Group Joint Recommendation on the Outline of a Discard Plan for the Baltic Sea" (Rakkomandazzjoni Konġunta tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-BALTFISH dwar Qafas ta' Pjan ta' Skartar għall-Baħar Baltiku), ippreżentata fis-27 ta' Mejju 2014.
([3]) http://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/812327/2014-07_STECF+PLEN+14-02_Final+Report_JRCxxx.pdf
([4]) ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1.

l-obbligu tal-iżbark, jekk l-MCRS għall-bakkaljaw jiġi ffissat għal 35 cm, dan inaqqas l-għadd ta' qabdiet li ma jistgħux jinbiegħu għall-konsum mill-bniedem u li ma kienx hemm raġunijiet marbutin mal-ewwel bidien li jsostnu MCRS ta' 38 cm fil-Baltiku. Għaldaqstant, l-MRCS għall-bakkaljaw fil-Baltiku għandu jiġi ffissat għal-35 cm.

(7) Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015 biex jikkonforma mal-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Skont l-Artikolu 15(6) ta' dak ir-Regolament, ma għandux japplika għal aktar minn 3 snin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jispeċifika d-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-iżbark, kif stipulat fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għall-Baħar Baltiku, kif iddefinit fl-Artikolu 4(2)(b) ta' dak ir-Regolament:

(a) mill-1 ta' Jannar 2015 fir-rigward tas-sajd għall-aringa, il-laċċa kaħla, is-salamun u l-bakkaljaw,

(b) mill-1 ta' Jannar 2017 fir-rigward tas-sajd kollu tal-barbun tat-tbajja.

Artikolu 2

Eżenzjoni minħabba s-sopravvivenza

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu tal-iżbark ma għandux japplika għall-bakkaljaw u s-salamun li jinqabad fix-xbieki tad-tidwir, fil-kavetti, fix-xbieki fyke u fix-xbieki nases. Il-bakkaljaw u s-salamun li jinqabad b'dan il-mod jista' jerġa' jinħeles fil-baħar.

Artikolu 3

Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni

Id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku għandu jkun ta' 35 cm.

Artikolu 4

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1397/2014

tat-22 ta' Ottubru 2014

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 318/2013 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin mill-2016 sal-2018, għall-istħarriġ permezz ta' kampjun dwar il-forza tax-xogħol previst mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7a(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 318/2013 ([2]) adotta l-programm ta' moduli *ad hoc* għall-istħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol għall-perjodu 2016 sa 2018. Dan jiddefinixxi s-suġġett, il-perjodu ta' referenza, id-daqs tal-kampjun u l-iskadenza biex jintbagħtu r-riżultati għal kull modulu.

(2) Skont ir-Regolament (UE) Nru 545/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), dak il-programm jiddefinixxi wkoll il-lista u d-deskrizzjoni tal-qasam ta' informazzjoni speċjalizzata għal kull wieħed mill-moduli *ad hoc* ("is-sottomoduli *ad hoc*").

(3) Sabiex jiġi żgurat li r-Regolament (UE) Nru 318/2013 ikun konsistenti mar-Regolament (KE) Nru 577/98 kif emendat, l-ismijiet u deskrizzjoni ta' kull wieħed mis-sottomoduli *ad hoc* għandhom jiġu miżjuda mar-Regolament preċedenti.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 318/2013 għandu għaldaqstant jiġi emendat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness mar-Regolament (UE) Nru 318/2013 hu ssostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 318/2013 tat-8 ta' April 2013 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin mill-2016 sal-2018, għall-istħarriġ permezz ta' kampjun dwar il-forza tax-xogħol previst mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 99, 9.4.2013, p. 11).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 545/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità (ĠU L 163, 29.5.2014, p. 10).

ANNESS

"ANNESS

STĦARRIĠ DWAR IL-FORZA TAX-XOGĦOL

Programm fuq firxa ta' snin ta' moduli ad hoc.

1. **IŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIS-SUQ TAX-XOGĦOL**

Perjodu ta' referenza: 2016

Sottomoduli (oqsma li dwarhom għandha tiġi pprovduta informazzjoni aktar dettaljata):

Is-sottomodulu 1: Sfond edukattiv

Għan: li jiġu pprovduti aktar dettalji dwar l-isfond edukattiv taż-żgħażagħ, filwaqt li jiġu identifikati aspetti li x'aktarx jinfluwenzaw il-prospetti tagħhom fir-rigward tal-karriera.

Is-sottomodulu 2: It-tiftix għal impjieg

Għan: il-ġbir ta' informazzjoni dwar l-approċċ personali u individwali taż-żgħażagħ biex isibu impjieg, u dwar l-għajnuna li jingħataw biex isibu impjieg; l-evalwazzjoni tal-perċezzjonijiet personali taż-żgħażagħ dwar jekk il-livell ta' edukazzjoni tagħhom jissodisfax dak li xogħolhom jitlob minnhom.

2. **IMPJIEG INDIPENDENTI**

Perjodu ta' referenza: 2017

Sottomoduli (oqsma li dwarhom għandha tiġi pprovduta informazzjoni aktar dettaljata):

Is-sottomodulu 1: Impjieg indipendenti, iżda dipendenti f'livell ekonomiku

Għan: li tiġi identifikata l-popolazzjoni ta' persuni b'impjieg indipendenti, iżda li huma wkoll dipendenti f'livell ekonomiku. Dan il-grupp għandu karatteristiki li huma komuni kemm mal-impjegati kif ukoll ma' dawk li jaħdmu għal rashom, u għaldaqstant għandu status professjonali ambivalenti.

Is-sottomodulu 2: Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni b'impjieg indipendenti

Għan: li jiġu analizzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni b'impjieg indipendenti u r-raġunijiet ewlenin tagħhom għaliex bdew jaħdmu għal rashom.

Is-sottomodulu 3: Il-persuni b'impjieg indipendenti u l-impjegati

Għan: li jsir tqabbil bejn l-attitudnijiet u l-prospetti tal-persuni b'impjieg indipendenti ma' dawk tal-impjegati, eż. il-livell ta' sodisfazzjon bl-impjieg.

3. **RIKONĊILJAZZJONI BEJN IX-XOGĦOL U L-ĦAJJA TAL-FAMILJA**

Perjodu ta' referenza: 2018

Sottomoduli (oqsma li dwarhom għandha tiġi pprovduta aktar informazzjoni):

Is-sottomodulu 1: Responsabbiltajiet relatati mal-indukrar

Għan: li jiġi stabbilit sa liema punt id-disponibbiltà ta' servizzi xierqa għall-indukrar tat-tfal u ta' persuni dipendenti oħra tinfluwenza l-parteċipazzjoni tan-nies fil-forza tax-xogħol.

Is-sottomodulu 2: Il-flessibbiltà tal-arranġamenti tax-xogħol"

Għan: li jiġi analizzat il-grad ta' flessibbiltà offrut fuq ix-xogħol, mill-perspettiva ta' rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol mal-ħajja tal-familja.

Is-sottomodulu 3: Waqfiet fil-karriera u liv tal-ġenituri.

Għan: li jiġu identifikati waqfiet fil-karriera biex wieħed jieħu ħsieb it-tfal jew persuni dipendenti oħra, b'mod partikolari l-liv tal-ġenituri, u li jiġi analizzat it-tul ta' dawn il-waqfiet fil-karriera.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Diċembru 2014

li temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE dwar il-lista ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/955/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE ([2]) stabbilixxiet lista tal-Unjoni ta' skart perikoluż (minn issa 'l quddiem "lista ta' skart"), u dik id-Deċiżjoni nbidlet bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE ([3]).

(2) Id-Direttiva 2008/98/KE tistipula li l-attribut tal-proprjetajiet perikolużi H 4, H 5, H 6, H 7, H 8, H 10, H 11 u H 14 għandu jsir abbażi tal-kriterji stabbiliti permezz tal-Anness VI tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE ([4]).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) ħa post id-Direttiva 67/548/KEE b'effett mill-1 ta' Ġunju 2015, u b'hekk timxi mal-progress tekniku u xjentifiku. B'deroga, id-Direttiva 67/548/KEE tista' tapplika għal xi taħlitiet sal-1 ta' Ġunju 2017, jekk dawn ikunu ġew klassifikati, tikkettati u imballati f'konformità mad-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Ġunju 2015.

(4) Ir-rekwiżiti tad-Deċiżjoni 2000/532/KE għall-klassifikazzjoni tal-iskart bħala perikoluż fir-rigward tal-proprjetajiet perikolużi H 3 sa H 8, H 10 u H 11 jeħtieġ li jiġu adattati għall-progress tekniku u xjentifiku u, fejn xieraq, jiġu allinjati mal-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar il-kimiki. Dawn ir-rekwiżiti ġew inklużi fl-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE.

(5) L-Anness tad-Deċiżjoni 2000/532/KE li jistabbilixxi l-lista ta' skart jeħtieġ li jiġi emendat sabiex jiġi allinjat mat-terminoloġija użata fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Huwa xieraq li wieħed jirreferi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 440/2008 ([7]) jew metodi ta' ttestjar u linji ta' gwida rikonoxxuti internazzjonalment meta l-attribuzzjoni ta' proprjetajiet perikolużi titmexxa permezz tat-twettiq ta' test.

([1]) ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU L 356, 31.12.1994, p. 14).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabilixxi lista ta' skart skond l-Artikolu 1(a) tad- Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU 196, 16.8.1967, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([6]) Id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li tirrigwarda l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi (ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) nru 440/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi metodi ta' ttestjar skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (ĠU L 142, 31.5.2008, p. 1).

(6) Il-proprjetajiet li jagħmlu skart perikoluż huma ddefiniti b'mod preċiż fl-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE. Għaldaqstant, il-karatteristiċi li l-iskart irid ikollu biex jitqies bħala skart perikoluż fir-rigward ta' H 3 sa H 8, H 10 u H 11 li kienu inklużi fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2000/532/KE ma għadhomx meħtieġa.

(7) Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2000/532/KE huma inklużi fl-Artikoli 7(2) u (3) tad-Direttiva 2008/98/KE. Għaldaqstant, dawn ma għadhomx meħtieġa.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stipulat fl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2000/532/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikoli 2 u 3 jitħassru.

(2) L-Anness ta' din id-Deċiżjoni jieħu post l-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Ġunju 2015.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

LISTA TA' SKART IMSEMMI FL-ARTIKOLU 7 TAD-DIRETTIVA 2008/98/KE

DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "sustanza perikoluża" tfisser sustanza klassifikata bħala perikoluża peress li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-partijiet 2 sa 5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

2. "metall tqil" tfisser kull kompost ta' antimonju, arseniku, kadmju, kromju (VI), ram, ċomb, merkurju, nikil, selenju, tellurju, tallju u landa, kif ukoll dawn il-materjali f'sura metallika, sa kemm dawn huma klassifikati bħala sustanzi perikolużi;

3. "poliklorobifenili u polikloroterfenili" ("PCBs") tfisser PCBs kif definiti fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE ([1]);

4. "metalli ta' tranżizzjoni" tfisser kwalunkwe mill-metalli li ġejjin: kwalunkwe kompost ta' skandju, vanadju, manganiż, kobalt, ram, ittriju, nijobju, afnju, tungstenu, titanju, kromju, ħadid, nikil, żingu, żirkonju, molibdenu u tantalju, kif ukoll dawn il-materjali f'sura metallika, sa kemm dawn huma klassifikati bħala sustanzi perikolużi;

5. "stabbilizzazzjoni" tfisser proċessi li jibdlu l-perikolożità tal-kostitwenti fl-iskart u jibdlu skart perikoluż fi skart mhux perikoluż;

6. "solidifikazzjoni" tfisser proċessi li jibdlu biss l-istat fiżiku tal-iskart billi jużaw addittivi mingħajr ma jibdlu l-proprjetajiet kimiki tal-iskart;

7. "skart parzjalment stabbilizzat" tfisser skart li jkun fih, wara l-proċess ta' stabbilizzazzjoni, kostitwenti perikolużi li ma nbidlux kompletament f'kostitwenti mhux perikolużi u li jistgħu jiġu rilaxxati fl-ambjent fuq terminu qasir, medju jew twil.

VALUTAZZJONI U KLASSIFIKAZZJONI

1. Valutazzjoni ta' proprjetajiet perikolużi tal-iskart

   Meta ssir valutazzjoni tal-proprjetajiet perikolużi tal-iskart, għandhom japplikaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE. Għall-proprjetajiet perikolużi HP 4, HP 6 u HP 8, għandhom japplikaw għall-valutazzjoni l-valuri ta' limitu għal sustanzi individwali kif indikat fl-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE. Fejn sustanza hija preżenti fl-iskart taħt il-valur ta' limitu tagħha, din ma għandhiex tkun inkluża fi kwalunkwe kalkolu ta' livell limitu. Fejn proprjetà perikoluża ta' skart tkun ġiet evalwata permezz ta' test u permezz tal-użu ta' konċentrazzjonijiet ta' sustanzi perikolużi kif indikat fl-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE, ir-riżultati tat-test għandhom jipprevalu.

2. Klassifikazzjoni ta' skart bħala perikoluż

   Kwalunkwe skart immarkat b'asterisk (*) fil-lista ta' skart għandu jitqies bħala skart perikoluż skont id-Direttiva 2008/98/KE, sakemm ma jkunx japplika l-Artikolu 20 ta' dik id-Direttiva.

   Għal dak l-iskart li għalih jistgħu jiġu assenjati kodiċi ta' skart perikoluż u mhux perikoluż, għandu japplika dan li ġej:

   — Entrata fil-lista armonizzata ta' skart immarkat bħala perikoluż, b'referenza speċifika jew ġenerali għal "sustanzi perikolużi", hija f'lokha biss għal skart meta dak l-iskart ikun fih sustanzi perikolużi relevanti li jikkawżaw l-iskart li juri waħda jew aktar mill-proprjetajiet perikolużi HP 1 sa HP 8 u/jew HP 10 sa HP 15 kif imniżżlin fl-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE. Il-valutazzjoni tal-proprjetà perikoluża HP 9 "infettuż" għandha ssir skont il-leġiżlazzjoni relevanti jew id-dokumenti ta' referenza fl-Istati Membri.

   — Proprjetà perikoluża tista' tiġi vvalutata bl-użu tal-konċentrazzjoni ta' sustanzi fl-iskart kif speċifikat fl-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE jew, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, billi jitwettaq test f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 440/2008 jew metodi ta' ttestjar u linji gwida oħra rikonoxxuti internazzjonalment, filwaqt li jitqies l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fir-rigward tal-ittestjar fuq annimali u bnedmin.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE tas-16 ta' Settembru 1996 dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT) (ĠU L 243, 24.9.1996, p. 31).

— Skart li fih poliklorodibenżo-p-diossini u poliklorodibenżofurani (PCDD/PCDF), DDT (1,1,1-trikloro- 2,2-bis (4-klorofenil)etan), il-klordan, l-eżakloroċikloeżani (inkluż il-lindan), id-dieldrin, l-endrin, l-ettaklor, l-eżaklorobenżen, il-klordekon, l-aldrina, il-pentaklorobenżin, il-mirex, it-tossafen eżabromobifenil u/jew PCB li jaqbeż il-limiti ta' konċentrazzjoni indikati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandu jiġi kklassifikat bħala perikoluż.

— Il-limiti ta' konċentrazzjoni definiti fl-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE ma japplikawx għal ligi ta' metalli puri fis-sura massiva tagħhom (mhux kontaminati b'sustanzi perikolużi). Dawk il-ligi tal-iskart li huma meqjusin bħala skart perikoluż huma speċifikament enumerati f'din il-lista u mmarkati b'asterisk (*).

— Fejn applikabbli, in-noti li ġejjin inklużi fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jista' jitqiesu meta jiġu stabbiliti l-proprjetajiet perikolużi ta' skart:

  — 1.1.3.1. Noti b'rabta mal-identifikazzjoni, il-klassifikazzjoni u t-tikkettar ta' sustanzi: In-noti B, D, F, J, L, M, P, Q, R, u U.

  — 1.1.3.2. Noti b'rabta mal-klassifikazzjoni u t-tikkettar tat-taħlitiet: In-noti 1, 2, 3 u 5.

— Wara li jiġu evalwati l-proprjetajiet perikolużi għal skart skont dan il-metodu, għandha tiġi assenjata entrata xierqa perikoluża jew mhux perikoluża mil-lista ta' skart.

L-entrati l-oħra kollha fil-lista armonizzat ta' skart huma meqjusa bħala mhux perikolużi.

LISTA TA' SKART

It-tipi differenti ta' skart fil-lista huma definiti b'mod sħiħ permezz tal-kodiċi ta' sitt ċifri għall-iskart u t-titoli tal-kapitoli ta' żewġ ċifri u erba' ċifri rispettivament. Dan ifisser li għandhom jittieħdu l-istadji segwenti biex jiġi identifikat l-iskart fil-lista:

— Identifika s-sors li jiġġenera l-iskart fil-Kapitoli 01 sa 12 jew 17 sa 20 u identifika l-kodiċi xierqa ta' sitt ċifri tal-iskart (esklużi l-kodiċi ta' dawn il-kapitoli li jispiċċaw b'99). Innota li unità ta' produzzjoni speċifika jista' jkollha bżonn li tikklassifika l-attivitajiet tagħha f'diversi kapitoli. Pereżempju, manifattur tal-karrozzi jista' jsib l-iskart tiegħu mniżżel fil-Kapitoli 12 (skart mill-iffurmar u mit-trattament tal-wiċċ ta' metalli), 11 (skart inorganiku li fih metalli minn trattament tal-metall u mill-kisi tal-metalli) u 08 (skart mill-użu tal-kisi), skont l-istadji differenti tal-proċess.

— Jekk ma tkunx tista' tinstab ebda kodiċi xierqa tal-iskart fil-Kapitoli 01 sa 12 jew 17 sa 20, il-Kapitoli 13, 14 u 15 għandhom jiġu eżaminati biex jiġi identifikat l-iskart.

— Jekk ma japplika ebda waħda minn dawn il-kodiċi tal-iskart, l-iskart irid jiġi identifikat skont il-Kapitolu 16.

— Jekk l-iskart ma jkunx lanqas fil-Kapitolu 16, il-kodiċi 99 (skart mhux speċifikat mod ieħor) għandu jintuża fit-taqsima tal-lista li tikkorrispondi mal-attività identifikata fl-ewwel stadju.

INDIĊI

Kapitoli tal-lista

01	Skart li jirriżulta mill-esplorazzjoni, it-tħaffir ta' minjieri, it-tħaffir ta' barrieri, u t-trattament fiżiku u kimiku ta' minerali
02	Skart mill-agrikoltura, l-ortikultura, l-akkwakultura, il-forestrija, il-kaċċa u s-sajd, il-preparazzjoni u l-ipproċessar tal-ikel
03	Skart mill-ipproċessar tal-injam u mill-produzzoni ta' pannelli u għamara, polpa, karti u kartun
04	Skart mill-industriji tal-ġild, is-suf u t-tessuti
05	Skart mir-raffinar taż-żejt, mill-purifikazzjoni tal-gass naturali u mit-trattament pirolitiku tal-faħam
06	Skart minn proċessi kimiki inorganiċi

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropewu tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

07	Skart minn proċessi kimiki organiċi
08	Skart mill-manifattura, il-formulazzjoni, il-provvista u l-użu (MFPU) ta' kisjiet (żebgħa, verniċ u enamel li għandu mill-ħġieġ), adeżivi, siġillanti u linka tal-istampar
09	Skart mill-industrija fotografika
10	Skart minn proċessi termali
11	Skart mit-trattament kimiku tal-uċuħ u mill-kisi ta' metalli u materjali oħra; idrometallurġija mingħajr ħadid
12	Skart mill-ifformar u mit-trattament fiżiku u mekkaniku tal-uċuħ tal-metalli u l-plastik
13	Skart miż-żejt u skart ta' karburanti likwidi (għajr għaż-żjut alimentari, 05 u 12)
14	Skart ta' solventi organiċi, refriġeranti u propellanti (għajr għal 07 u 08)
15	Skart mill-ippakkjar; assorbenti, pezez għall-imsieħ, materjali tal-filtri u ħwejjeġ protettivi mhux speċifikati b'mod ieħor
16	Skart mhux speċifikat b'mod ieħor fil-lista
17	Skart mill-bini u t-twaqqigħ (inkluża l-ħamrija mħammla minn siti kontaminati)
18	Skart mill-kura tas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali u/jew minn riċerka relatata (għajr għal skart tal-kċina u ta' ristoranti li ma jirriżultax mill-kura immedjata tas-saħħa)
19	Skart minn impjanti għall-immaniġġjar tal-iskart, minn impjanti ta' trattament ta' skart tal-ilma lil hinn mis-sit u mill-preparazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bnedmin u ta' ilma għall-użu industrijali
20	Skart muniċipali (skart mid-djar u skart simili kummerċjali, industrijali u istituzzjonali) li jinkludi frazzjonijiet miġbura separatament

01	SKART LI JIRRIŻULTA MILL-ESPLORAZZJONI, IT-TĦAFFIR TAL-MINJIERI, IT-TĦAFFIR TAL-BARRIERI, U T-TRATTAMENT FIŻIKU U KIMIKU TAL-MINERALI
01 01	**skart mit-tħaffir ta' minerali**
01 01 01	skart mit-tħaffir għall-minerali li fihom il-metalli
01 01 02	skart mit-tħaffir għall-minerali li ma fihomx metalli
01 03	**skart mill-ipproċessar fiżiku u kimiku ta' minerali li fihom il-metall**
01 03 04*	rmied tat-tlissija li jiġġenera l-aċidu mill-iproċessar tal-minerali tas-sulfur
01 03 05*	rmied tat-tlissija ieħor li fih sustanzi perikolużi
01 03 06	rmied tat-tlissija ieħor għajr għal dak imsemmi f'01 03 04 u 01 03 05
01 03 07*	skart ieħor li fih sustanzi perikolużi mill-iproċessar fiżiku u kimiku ta' minerali li fihom il-metall

01 03 08	skart f'għamla ta' trab u għabra għajr għal dak imsemmi f'01 03 07
01 03 09	tajn aħmar mill-produzzjoni tal-alumina għajr għall-iskart imsemmi f'01 03 10
01 03 10*	tajn aħmar mill-produzzjoni tal-alumina li jkun fih sustanzi perikolużi għajr għall-iskart imsemmi f'01 03 07
01 03 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
01 04	**skart mill-ipproċessar fiżiku u kimiku ta' minerali li ma fihomx il-metall**
01 04 07*	skart li fih sustanzi perikolużi mill-ipproċessar fiżiku u kimiku ta' minerali li ma fihomx il-metall
01 04 08	skart taż-żrar u blat imfarrak għajr għal dak imsemmi f'01 04 07
01 04 09	skart tar-ramel u tat-tafal
01 04 10	skart f'għamla ta' trab u għabra għajr għal dak imsemmi f'01 04 07
01 04 11	skart mill-ipproċessar tal-potassju u tal-melħ tal-blat għajr għal dak imsemmi f'01 04 07
01 04 12	rmied tat-tlissija u skart ieħor mill-ħasil u t-tindif tal-minerali għajr għal dawk imsemmija f'01 04 07 u 01 04 11
01 04 13	skart mit-tqattigħ u sserrar tal-ġebel għajr għal dak imsemmi f'01 04 07
01 04 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
01 05	**tajn mit-tħaffir u skart ieħor mit-tħaffir**
01 05 04	skart u tajn tat-tħaffir fl-ilma ħelu
01 05 05*	tajn u skart tat-tħaffir li fih iż-żejt
01 05 06*	tajn tat-tħaffir u skart ieħor tat-tħaffir li fih sustanzi perikolużi
01 05 07	skart u tajn tat-tħaffir li fih il-barit għajr għal dak imsemmi f'01 05 05 u 01 05 06
01 05 08	skart u tajn tat-tħaffir li fih il-klorur għajr għal dak imsemmi f'01 05 05 u 01 05 06
01 05 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
02	SKART MILL-AGRIKOLTURA, L-ORTIKULTURA, L-AKKWAKULTURA, IL-FORESTRIJA, IL-KAĊĊA U S-SAJD, IL-PREPARAZZJONI U L-IPPROĊESSAR TAL-IKEL
02 01	**skart mill-agrikoltura, l-ortikultura, l-akkwakultura, il-forestrija, il-kaċċa u s-sajd**
02 01 01	ħama li jirriżulta mill-ħasil u mit-tindif
02 01 02	skart tat-tessut tal-annimali

02 01 03	skart tat-tessut tal-pjanti
02 01 04	skart tal-plastik (għajr għall-ippakkjar)
02 01 06	rawt, awrina u demel tal-annimali (inkluż it-tiben maħmuġ), effluwent, miġbur separatament u ttrattat lil hinn mis-sit
02 01 07	skart mill-forestrija
02 01 08*	skart agrokimiku li fih sustanzi perikolużi
02 01 09	skart agrokimiku għajr għal dak imsemmi f'02 01 08
02 01 10	metall mormi
02 01 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
02 02	**skart mill-preparazzjoni u l-ipproċessar ta' laħam, ħut u ikel ieħor li jkun ġej mill-annimali**
02 02 01	ħama li jirriżulta mill-ħasil u mit-tindif
02 02 02	skart tat-tessut tal-annimali
02 02 03	materjali mhux tajbin għall-konsum jew għall-ipproċessar
02 02 04	ħama mit-trattament ta' effluwent fis-sit
02 02 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
02 03	**skart mill-preparazzjoni u l-ipproċessar tal-frott, il-ħaxix, iċ-ċereali, iż-żjut alimentari, il-kawkaw, il-kafè, it-te u t-tabakk; il-produzzjoni tal-marmellati; il-produzzjoni tal-ħmira u tal-estratti tal-ħmira, il-preparazzjoni u l-fermentazzjoni tal-melassa**
02 03 01	ħama li jirriżulta mill-proċessi tal-ħasil, tat-tindif, tat-tqaxxir, taċ-ċentrifugazzjoni u tas-separazzjoni
02 03 02	skart minn aġenti għall-preservazzjoni
02 03 03	skart mill-estrazzjoni tas-solventi
02 03 04	materjali mhux tajbin għall-konsum jew l-ipproċessar
02 03 05	ħama mit-trattament ta' effluwent fis-sit
02 03 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
02 04	**skart mill-ipproċessar taz-zokkor**
02 04 01	ħamrija mill-ħasil u t-tindif tal-pitravi
02 04 02	karbonat tal-kalċju mhux skont l-ispeċifikazzjoni
02 04 03	ħama mit-trattament ta' effluwent fis-sit
02 04 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor

02 05	**skart mill-industrija tal-prodotti tal-ħalib**
02 05 01	materjali mhux tajbin għall-konsum jew l-ipproċessar
02 05 02	ħama mit-trattament ta' effluwent fis-sit
02 05 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
02 06	**skart mill-industriji tal-ħami u d-dolċerija**
02 06 01	materjali li mhumiex tajbin għall-konsum jew l-ipproċessar
02 06 02	skart minn aġenti għall-preservazzjoni
02 06 03	ħama mit-trattament ta' effluwent fis-sit
02 06 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
02 07	**skart mill-produzzjoni ta' xorb alkoħoliku u mhux alkoħoliku (għajr għall-kafè u l-kawkaw)**
02 07 01	skart mill-ħasil, mit-tindif u mir-riduzzjoni mekkanika tal-materja prima
02 07 02	skart minn distillazzjoni tal-ispirti
02 07 03	skart minn trattament kimiku
02 07 04	materjali li mhumiex tajbin għall-konsum jew l-ipproċessar
02 07 05	ħama mit-trattament ta' effluwent fis-sit
02 07 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
03	SKART MILL-IPPROĊESSAR TAL-INJAM U MILL-PRODUZZONI TA' PANNELLI U GĦAMARA, POLPA, KARTI U KARTUN
03 01	**Skart mill-ipproċessar tal-injam u l-produzzjoni ta' pannelli u għamara**
03 01 01	skart tal-qoxra tas-siġar u tas-sufra
03 01 04*	serratura, ċana, tqattigħ, injam, ċippbord u fuljetta li fihom sustanzi perikolużi
03 01 05	serratura, ċana, tqattigħ, injam, ċippbord u fuljetta għajr għal dawk imsemmija f'03 01 04
03 01 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
03 02	**skart mill-preservazzjoni tal-injam**
03 02 01*	preservattivi organiċi tal-injam mhux aloġenati
03 02 02*	preservattivi tal-injam organoklorinati
03 02 03*	preservattivi tal-injam organometalliċi

03 02 04*	preservattivi tal-injam inorganiċi
03 02 05*	preservattivi oħra tal-injam li fihom sustanzi perikolużi
03 02 99	preservattivi tal-injam mhux speċifikati mod ieħor
03 03	**skart mill-produzzjoni u l-ipproċessar tal-polpa, il-karti u l-kartun**
03 03 01	skart tal-qoxra tas-siġar u tal-injam
03 03 02	ħama tal-likur aħdar (mill-fdalijiet tal-likur tat-tisjir)
03 03 05	ħama mit-tneħħija tal-linka mir-riċiklaġġ tal-karti
03 03 07	skart separat mekkanikament mill-ippulpjar tal-karti u l-kartun
03 03 08	skart wara l-għażla tal-karti u tal-kartun għar-riċiklaġġ
03 03 09	skart tat-tajn tal-ġir
03 03 10	rimi mill-fibri, ħama mill-fibri, il-mili u l-kisjiet mis-separazzjoni mekkanika
03 03 11	ħama mit-trattament ta' dranaġġ lil hinn mis-sit għajr għal dak imsemmi f'03 03 10
03 03 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
04	SKART MILL-INDUSTRIJI TAL-ĠILD, IL-PELLIĊĊA U T-TESSUTI
04 01	**skart industriji tal-ġilda u l-pelliċċa**
04 01 01	skart magħmul minn fdalijiet ta' laħam mneħħijin minn mal-ġlud, u tal-ġir waqt il-proċess tal-kunzatura
04 01 02	skart tat-trattament bil-ġir waqt il-proċess tal-kunzatura
04 01 03*	skart mit-tneħħija taż żejt li fih is-solventi mingħajr fażi likwida
04 01 04	likur tal-kunzatura li fih il-kromju
04 01 05	likur tal-kunzatura li ma fihx il-kromju
04 01 06	ħama, partikolarment mit-trattament fis-sit tal-effluwent li fih il-kromju
04 01 07	ħama, partikolarment mit-trattament tal-effluwent fis-sit mingħajr kromju
04 01 08	skart ta' ġidla li tkun għaddiet mill-proċess tal-kunzatura (materjal blu li jintuża fil-pjanċi, serratura, tqat-tigħ, trab tal-baff) li fih il-kromju
04 01 09	skart ta' wara l-proċessi tal-illostrar, il-preservazzjoni u l-finitura
04 01 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor

04 02	**skart mill-industrija tat-tessuti**
04 02 09	skart minn materjali komposti (tessut imxarrab, elastomeru, plastomeru)
04 02 10	materjal organiku minn prodotti naturali (eż. grass, xama')
04 02 14*	skart mill-finitura li fih solventi organiċi
04 02 15	skart mill-finitura għajr għal dak imsemmi f'04 02 14
04 02 16*	żebgħa u pigmenti li fihom sustanzi perikolużi
04 02 17	żebgħa u pigmenti għajr għal dawk imsemmija f'04 02 16
04 02 19*	ħama mit-trattament fis-sit ta' effluwent li fih sustanzi perikolużi
04 02 20	ħama mit-trattament ta' dranaġġ lil hinn mis-sit għajr għal dak imsemmi f'04 02 19
04 02 21	skart minn fibra tad-drappijiet mhux proċessata
04 02 22	skart minn fibra tat-tessuti proċessata
04 02 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
05	SKART MIR-RAFFINAR TAŻ-ŻEJT, MILL-PURIFIKAZZJONI TAL-GASS NATURALI U MIT-TRATTAMENT PIROLITIKU TAL-FAĦAM
05 01	**skart mir-raffinazzjoni taż-żejt**
05 01 02*	ħama tat-tneħħija tal-melħ
05 01 03*	ħama tal-qiegħ tat-tankijiet
05 01 04*	ħama alkil aċidu
05 01 05*	żejt imxerred
05 01 06*	ħama żejtni mix-xogħol ta' manutenzjoni tal-impjanti jew tat-tagħmir
05 01 07*	qatran aċiduż
05 01 08*	qatran ieħor
05 01 09*	ħama mit-trattament fis-sit ta' effluwent li fih sustanzi perikolużi
05 01 10	ħama mit-trattament ta' dranaġġ lil hinn mis-sit għajr għal dak imsemmi f'05 01 09
05 01 11*	skart mit-tindif tal-karburant b'bażijiet
05 01 12*	aċidi li fihom iż-żejt

05 01 13	ħama tal-ilma tad-dħul fil-bojlers
05 01 14	skart minn kolonni li jiffriskaw
05 01 15*	tafal tal-filtru eżawrit
05 01 16	skart li fih il-kubrit mill-proċess tat-tneħħija tal-kubrit miż-żejt
05 01 17	Bitum
05 01 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
05 06	**Skart mit-trattament pirolitiku tal-faħam**
05 06 01*	qatran aċiduż
05 06 03*	qatran ieħor
05 06 04	skart minn kolonni li jiffriskaw
05 06 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
05 07	**Skart mill-purifikazzjoni u trasportazzjoni ta' gass naturali**
05 07 01*	skart li fih il-merkurju
05 07 02	skart li fih il-kubrit
05 07 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
06	SKART MINN PROĊESSI KIMIKI INORGANIĊI
06 01	**skart mill-manifattura, formulazzjoni, provvista u użu (MFPU) ta' aċidi**
06 01 01*	aċidu sulfuriku u aċidu sulfuruż
06 01 02*	aċidu idrokloriku
06 01 03*	aċidu idrofloriku
06 01 04*	aċidu fosforiku u fosforuż
06 01 05*	aċidu nitriku u aċidu nitruż
06 01 06*	aċidi oħra
06 01 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
06 02	**skart mill-MFPU tal-bażijiet**
06 02 01*	idrossidu tal-kalċju
06 02 03*	idrossidu tal-ammonju
06 02 04*	idrossidu tas-sodju u l-potassju

06 02 05*	bażijiet oħra
06 02 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
06 03	**skart mill-MFPU ta' imluħa u s-soluzzjonijiet tagħhom u l-ossidi metalliċi**
06 03 11*	imluħa solidi u soluzzjonijiet li fihom iċ-ċjanur
06 03 13*	imluħa solidi u soluzzjonijiet li fihom metalli ta' densità għolja
06 03 14	imluħa solidi u soluzzjonijiet għajr għal dawk imsemmija f'06 03 11 u 06 03 13
06 03 15*	ossidi tal-metall li fihom metalli tqal
06 03 16	ossidi tal-metall għajr għal dawk imsemmija f'06 03 15
06 03 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
06 04	**skart li fih il-metall għajr għal dak imsemmi f' 06 03**
06 04 03*	skart li fih l-arseniku
06 04 04*	skart li fih il-merkurju
06 04 05*	skart li fih metalli tqal oħra
06 04 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
06 05	**ħama mit-trattament ta' effluwent fis-sit**
06 05 02*	ħama mit-trattament fis-sit ta' effluwent li fih sustanzi perikolużi
06 05 03	ħama mit-trattament ta' dranaġġ lil hinn mis-sit għajr għal dak imsemmi f'06 05 02
06 06	**skart mill-MFPU ta' kimiki tal-kubrit, proċessi kimiki tal-kubrit u proċessi ta' tneħħija tal-kubrit**
06 06 02*	skart li fih sulfuri perikolużi
06 06 03	skart li fih is-sulfur għajr għal dak imsemmi f'06 06 02
06 06 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
06 07	**skart minn MFPU ta' aloġeni u proċessi kimici tal-aloġeni**
06 07 01*	skart li fih l-asbestos mill-elettroliżi
06 07 02*	karbonju attivat mill-produzzjoni tal-kloru
06 07 03*	ħama tas-sulfat tal-barju li fih il-merkurju

06 07 04*	soluzzjonijiet u aċidi, pereżempju aċidu tal-kuntatt
06 07 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
06 08	**skart minn MFPU ta' siliċju u derivattivi tas-siliċju**
06 08 02*	skart li fih il-klorosilani perikolużi
06 08 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
06 09	**skart mill-MFPU ta' kimiki mill-fosfru u proċessi kimiki tal-fosfru**
06 09 02	gagazza tal-fosfru
06 09 03*	skart tar-reazzjonijiet bbażat fuq il-kalċju li fih jew li hu kkontaminat b'sustanzi perikolużi
06 09 04	skart tar-reazzjonijiet bbażati fuq il-kalċju għajr għal dak imsemmi f'06 09 03
06 09 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
06 10	**skart mill-MFPU ta' kimiki tan-nitroġenu, proċessi kimiki tan-nitroġenu u manifattura ta' fertilizzant**
06 10 02*	skart li fih sustanzi perikolużi
06 10 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
06 11	**skart mill-manifattura ta' pigmenti inorganiċi u sustanzi li jippannaw**
06 11 01	skart tar-reazzjonijiet bbażati fuq il-kalċju mill-produzzjoni tad-diossidu tat-titanju
06 11 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
06 13	**skart minn proċessi kimiki inorganiċi mhux speċifikati mod ieħor**
06 13 01*	prodotti inorganiċi għall-ħarsien tax-xtieli, aġenti li jippriżervaw l-injam u bijoċidi oħra.
06 13 02*	karbonju attivat eżawrit (għajr għal 06 07 02)
06 13 03	iswed tal-karbonju
06 13 04*	skart mill-ipproċessar tal-asbestos
06 13 05*	nugrufun
06 13 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
07	SKART MINN PROĊESSI KIMIKI ORGANIĊI
07 01	**skart mill-manifattura, formulazzjoni, provvista u użu (MFPU) ta' kimiki organiċi bażiċi**
07 01 01*	likwidi tal-ħasil u likuri primarji milwiema

07 01 03*	solventi organiċi aloġenati, likwidi tal-ħasil u likuri primarji
07 01 04*	solventi organiċi oħra, likwidi tal-ħasil u likuri primarji
07 01 07*	il-fdalijiet aloġenati tad-distillazzjoni u r-residwi ta' reazzjonijiet
07 01 08*	fdalijiet tad-distillazzjoni u residwi ta' reazzjonijiet oħrajn
07 01 09*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti aloġenati
07 01 10*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti oħra
07 01 11*	ħama mit-trattament fis-sit ta' effluwent li fih sustanzi perikolużi
07 01 12	ħama mit-trattament ta' dranaġġ lil hinn mis-sit għajr għal dak imsemmi f'07 01 11
07 01 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
07 02	**skart mill-MFPU ta' plastik, gomma sintetika u fibri magħmula mill-bniedem**
07 02 01*	likwidi tal-ħasil u likuri primarji milwiema
07 02 03*	solventi organiċi aloġenati, likwidi tal-ħasil u likuri omm
07 02 04*	solventi organiċi oħra, likwidi tal-ħasil u likuri primarji
07 02 07*	fdalijiet aloġenati tad-distillazzjoni u residwi ta' reazzjonijiet
07 02 08*	fdalijiet tad-distillazzjoni u residwi ta' reazzjonijiet oħrajn
07 02 09*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti aloġenati
07 02 10*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti oħra
07 02 11*	ħama mit-trattament fis-sit ta' effluwent li fih sustanzi perikolużi
07 02 12	ħama mit-trattament ta' dranaġġ lil hinn mis-sit għajr għal dak imsemmi f'07 02 11
07 02 13	skart tal-plastik
07 02 14*	skart minn addittivi li fihom sustanzi perikolużi
07 02 15	skart mill-addittivi għajr għal dawk imsemmija f'07 02 14
07 02 16*	skart li fih siliċju perikoluż
07 02 17	skart li fih is-siliċju għajr għal dawk imsemmija f'07 02 16
07 02 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor

07 03	**Skart mill-MFPU ta' kuluri organiċi u pigmenti (għajr għal 06 11)**
07 03 01*	likwidi tal-ħasil u likuri primarji milwiema
07 03 03*	solventi organiċi aloġenati, likwidi tal-ħasil u likuri primarji
07 03 04*	solventi organiċi oħra, likwidi tal-ħasil u likuri primarji
07 03 07*	fdalijiet aloġenati tad-distillazzjoni u residwi ta' reazzjonijiet
07 03 08*	fdalijiet tad-distillazzjoni u residwi ta' reazzjonijiet oħrajn
07 03 09*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti aloġenati
07 03 10*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti oħra
07 03 11*	ħama mit-trattament fis-sit ta' effluwent li fih sustanzi perikolużi
07 03 12	ħama mit-trattament ta' dranaġġ lil hinn mis-sit għajr għal dak imsemmi f'07 03 11
07 03 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
07 04	**skart mill-MFPU ta' prodotti organiċi għall-ħarsien tax-xtieli (għajr għal 02 01 08 u 02 01 09), aġenti għall-ippreservar tal-injam (għajr għal 03 02) u bijoċidi oħra**
07 04 01*	likwidi tal-ħasil u likuri primarji milwiema
07 04 03*	solventi organiċi aloġenati, likwidi tal-ħasil u likuri primarji
07 04 04*	solventi organiċi oħra, likwidi tal-ħasil u likuri primarji
07 04 07*	fdalijiet aloġenati tad-distillazzjoni u residwi ta' reazzjonijiet
07 04 08*	fdalijiet tad-distillazzjoni u residwi ta' reazzjonijiet oħrajn
07 04 09*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti aloġenati
07 04 10*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti oħra
07 04 11*	ħama mit-trattament fis-sit ta' effluwent li fih sustanzi perikolużi
07 04 12	ħama mit-trattament ta' dranaġġ lil hinn mis-sit għajr għal dak imsemmi f'07 04 11
07 04 13*	skart solidu li fih sustanzi perikolużi
07 04 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
07 05	**skart mill-MFPU ta' farmaċewtiċi**
07 05 01*	likwidi tal-ħasil u likuri primarji milwiema

07 05 03*	solventi organiċi aloġenati, likwidi tal-ħasil u likuri primarji
07 05 04*	solventi organiċi oħra, likwidi tal-ħasil u likuri primarji
07 05 07*	il-fdalijiet aloġenati tad-distillazzjoni u r-residwi ta' reazzjonijiet
07 05 08*	fdalijiet tad-distillazzjoni u residwi ta' reazzjonijiet oħrajn
07 05 09*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti aloġenati
07 05 10*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti oħra
07 05 11*	ħama mit-trattament fis-sit ta' effluwent li fih sustanzi perikolużi
07 05 12	ħama mit-trattament ta' dranaġġ lil hinn mis-sit għajr għal dak imsemmi f'07 05 11
07 05 13*	skart solidu li fih sustanzi perikolużi
07 05 14	skart solidu għajr għal dak imsemmi f'07 05 13
07 05 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
07 06	**skart mill-MFPU ta' xaħmijiet, grass, sapun, deterġenti, diżinfettanti u kożmetiċi**
07 06 01*	likwidi tal-ħasil u likuri primarji milwiema
07 06 03*	solventi organiċi aloġenati, likwidi tal-ħasil u likuri primarji
07 06 04*	solventi organiċi, likwidi tal-ħasil u likuri primarji oħra
07 06 07*	fdalijiet aloġenati tad-distillazzjoni u residwi ta' reazzjonijiet
07 06 08*	fdalijiet tad-distillazzjoni u residwi ta' reazzjonijiet oħrajn
07 06 09*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti aloġenati
07 06 10*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti oħra
07 06 11*	ħama mit-trattament fis-sit ta' effluwent li fih sustanzi perikolużi
07 06 12	ħama mit-trattament ta' dranaġġ lil hinn mis-sit għajr għal dak imsemmi f'07 06 11
07 06 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
07 07	**Skart mill-MFPU ta' kimiki u prodotti kimiċi mhux speċifikati mod ieħor**
07 07 01*	likwidi tal-ħasil u likuri primarji milwiema
07 07 03*	solventi organiċi aloġenati, likwidi tal-ħasil u likuri primarji
07 07 04*	solventi organiċi oħra, likwidi tal-ħasil u likuri primarji

07 07 07*	fdalijiet aloġenati tad-distillazzjoni u residwi ta' reazzjonijiet
07 07 08*	fdalijiet tad-distillazzjoni u residwi ta' reazzjonijiet oħrajn
07 07 09*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti aloġenati
07 07 10*	ċapep tal-filtru u assorbenti eżawriti oħra
07 07 11*	ħama mit-trattament fis-sit ta' effluwent li fih sustanzi perikolużi
07 07 12	ħama mit-trattament ta' dranaġġ lil hinn mis-sit għajr għal dak imsemmi f'07 07 11
07 07 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
08	SKART MILL-MANIFATTURA, IL-FORMULAZZJONI, IL-PROVVISTA U L-UŻU (MFPU) TA' SUSTANZI TAL-KISI (ŻEBGĦA, VERNIĊ U ENEMEL LI GĦANDU MILL-ĦĠIEĠ), ADEŻIVI, SIĠILLANTI U LINKA TAL-ISTAMPAR
08 01	**Skart mill-MFPU u tneħħija ta' żebgħa u verniċ**
08 01 11*	skart taż-żebgħa u l-verniċ li fih solventi organiċi jew sustanzi perikolużi oħra
08 01 12	skart miż-żebgħa u l-verniċ għajr għal dak imsemmi f'08 01 11
08 01 13*	ħama miż-żebgħa jew il-verniċ li fih solventi organiċi jew sustanzi perikolużi oħra
08 01 14	ħama miż-żebgħa jew il-verniċ għajr għal dak imsemmi f'08 01 13
08 01 15*	ħama milwiem li fih iż-żebgħa jew il-verniċ li fih solventi organiċi jew sustanzi perikolużi oħra
08 01 16	ħama milwiem li fih iż-żebgħa jew verniċ għajr għal dak imsemmi f'08 01 15
08 01 17*	skart mit-tneħħija taż-żebgħa jew il-verniċ li fih solventi organiċi jew sustanzi perikolużi oħra
08 01 18	skart mit-tneħħija taż-żebgħa jew il-verniċ għajr għal dak imsemmi f'08 01 17
08 01 19*	sospensjonijiet milwiema taż-żebgħa jew tal-verniċ li fihom solventi organiċi jew sustanzi perikolużi oħra
08 01 20	sospensjonijiet milwiema li fihom iż-żebgħa jew il-verniċ għajr għal dawk imsemmija f'08 01 19
08 01 21*	skart ta' sustanzi li jneħħu ż-żebgħa jew il-verniċ
08 01 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
08 02	**skart mill-MFPU ta' sustanzi tal-kisi oħra (inklużi materjali taċ-ċeramika)**
08 02 01	trab li jgħatti l-iskart
08 02 02	ħama bbażata fuq l-ilma li fih materjali taċ-ċeramika
08 02 03	sospensjonijiet li fihom materjali taċ-ċeramika
08 02 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor

08 03	**Skart mill-MFPU tal-linka tal-istampar**
08 03 07	ħama milwiem li fih il-linka
08 03 08	skart likwidu milwiem li fih il-linka
08 03 12*	skart ta' linka li fiha sustanzi perikolużi
08 03 13	skart ta' linka għajr għal dik imsemmija f'08 03 12
08 03 14*	ħama tal-linka li fih sustanzi perikolużi
08 03 15	ħama tal-linka għajr għal dak imsemmi f'08 03 14
08 03 16*	likwidi li jħollu l-iskart
08 03 17*	skart tat-toner tal-istampar li fih sustanzi perikolużi
08 03 18	toner tal-istampar mormi għajr għal dak imsemmi f'08 03 17
08 03 19*	żejt tat-tixrid
08 03 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
08 04	**Skart mill-MFPU ta' adeżivi u siġillanti (inklużi prodotti siġillanti kontra l-ilma)**
08 04 09*	skart ta' adeżivi u siġillanti li fihom solventi organiċi jew sustanzi perikolużi oħra
08 04 10	skart ta' adeżivi u siġillanti għajr għal dawk imsemmija f'08 04 09
08 04 11*	ħama adeżiv jew siġillanti li fih solventi organiċi jew sustanzi perikolużi oħra
08 04 12	ħama adeżiv jew siġillanti għajr għal dak imsemmi f'08 04 11
08 04 13*	ħama milwiem li fih adeżivi jew siġillanti li fihom solventi organiċi jew sustanzi perikolużi oħra
08 04 14	ħama milwiem li fih adeżivi jew siġillanti għajr dawk imsemmija f'08 04 13
08 04 15*	skart likwidu milwiem li fih adeżivi jew siġillanti li fih solventi organiċi jew sustanzi perikolużi oħra
08 04 16	skart likwidu milwiem li fih adeżivi jew siġillanti għajr għal dak imsemmi f'08 04 15
08 04 17*	żejt tar-raża
08 04 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
08 05	**skart mhux speċifikat b'mod ieħor f'08**
08 05 01*	skart tal-isoċjanati

09	SKART MILL-INDUSTRIJA FOTOGRAFIKA
09 01	**skart mill-industrija fotografika**
09 01 01*	kimiki tal-iżvilupp u tal-attivazzjoni magħmulin minn bażi ta' ilma
09 01 02*	kimiki tal-iżvilupp li jitrasferixxu l-istampa minn folja magħmulin minn bażi ta' ilma
09 01 03*	soluzzjonijiet tal-iżvilupp ibbażati fuq solvent
09 01 04*	soluzzjonijiet li jistabbilizzaw l-iskart
09 01 05*	soluzzjonijiet tal-bliċ u likwidi tal-bliċ li jistabbilizzaw l-iskart
09 01 06*	skart li fih il-fidda mit-trattament fis-sit ta' skart tal-fotografija
09 01 07	film u karta fotografika li fihom il-fidda jew komposti tal-fidda
09 01 08	film u karta fotografika ħielsa mill-fidda jew komposti tal-fidda
09 01 10	kameras li jintużaw darba bla batteriji
09 01 11*	kameras li jintużaw darba bil-batteriji f'16 06 01, 16 06 02 jew 16 06 03
09 01 12	kameras li jintużaw darba bil-batteriji għajr għal dawk imsemmija f'09 01 11
09 01 13*	skart likwidu milwiem mir-reklamazzjoni fis-sit tal-fidda għajr għal dak imsemmi f'09 01 06
09 01 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
10	SKART MINN PROĊESSI TERMALI
10 01	**skart minn impjanti tal-enerġija u impjanti ta' kombustjoni oħra (għajr għal 19)**
10 01 01	rmied tal-qiegħ, gagazza u trab tal-bojler (eskluż it-trab mill-bojlers imsemmi f'10 01 04)
10 01 02	rmied li jtir tal-faħam
10 01 03	rmied li jtir tal-pit u tal-injam mhux trattat
10 01 04*	rmied żejtni li jtir u trab tal-bojler
10 01 05	skart ibbażat fuq il-kalċju li jirriżulta bħala reazzjoni għat-tneħħija tal-kubrit mill-gass taċ-ċmieni f'sura solida
10 01 07	skart ibbażat fuq il-kalċju li jirriżulta bħala reazzjoni għat-tneħħija tal-kubrit mill-gass taċ-ċmieni f'sura ta' ħama
10 01 09*	aċidu sulfuriku
10 01 13*	rmied li jtir minn idrokarburi emulsjonati użati bħala karburant
10 01 14*	rmied tal-qiegħ, gagazza u trab tal-bojlers mill-koinċinerazzjoni li fihom sustanzi perikolużi

10 01 15	rmied tal-qiegħ, gagazza u trab tal-bojler mill-koinċinerazzjoni għajr għal dawk imsemmija f'10 01 14
10 01 16*	rmied li jtir mill-koinċinerazzjoni li fih sustanzi perikolużi
10 01 17	rmied li jtir mill-koinċinerazzjoni għajr għal dak imsemmi f'10 01 16
10 01 18*	skart mit-tindif tal-gass li fih sustanzi perikolużi
10 01 19	skart mit-tindif tal-gass għajr għal dak imsemmi f'10 01 05, 10 01 07 u 10 01 18
10 01 20*	ħama mit-trattament fis-sit ta' effluwent li fih sustanzi perikolużi
10 01 21	ħama mit-trattament ta' dranaġġ lil hinn mis-sit għajr għal dak imsemmi f'10 01 20
10 01 22*	ħama milwiem mit-tindif tal-bojlers li fih sustanzi perikolużi
10 01 23	ħama milwiem mit-tindif tal-bojler għajr għal dak imsemmi f'10 01 22
10 01 24	ramel minn saffi fluwidi
10 01 25	skart mill-ħżin tal-karburant u mill-preparazzjoni tal-impjanti tal-elettriku mħaddma bil-faħam
10 01 26	skart mit-trattament tal-iffriskar bl-ilma
10 01 99	skart li mhux speċifikat mod ieħor
